Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2021)0383

Id-direzzjoni tar-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u r-Russja

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2021 dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar id-direzzjoni tar-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u r-Russja (2021/2042(INI))

(2022/C 117/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari dawk tat-18 ta' Settembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u s-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja ([1]), tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar is-sitwazzjoni militari strateġika fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja ([2]), tas-16 ta' Marzu 2017 dwar il-priġunieri Ukreni fir-Russja u s-sitwazzjoni fil-Krimea ([3]), tal-14 ta' Ġunju 2018 dwar it-territorji okkupati Georgjani għaxar snin wara l-invażjoni Russa ([4]), tat-23 ta' Novembru 2016 dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi ([5]), tat-12 ta' Marzu 2019 dwar l-istat tar-relazzjonijiet politiċi UE-Russja ([6]), tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-futur tal-Ewropa ([7]), tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-Liġi Russa dwar l-"Aġenti Barranin" ([8]), tas-17 ta' Settembru 2020 intitolata "Is-sitwazzjoni fir-Russja: l-avvelenament ta' Alexei Navalny ([9])", tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-arrest ta' Aleksei Navalny ([10]), tad-29 ta' April 2021 dwar ir-Russja, il-każ ta' Alexei Navalny, l-iskjerament militari fil-fruntiera mal-Ukrajna u l-attakki Russi fir-Repubblika Ċeka ([11]), tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov ([12]),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra s-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Kunsill tal-Ewropa u fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), u l-impenji u l-obbligi konsegwenti tagħha,

— wara li kkunsidra l-miżuri restrittivi tal-UE bħala reazzjoni għall-kriżi fl-Ukrajna, li ilhom fis-seħħ mill-2014,

— wara li kkunsidra l-pakkett ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk, li ġie adottat u ffirmat f'Minsk fit-12 ta' Frar 2015 u approvat uffiċjalment fl-intier tiegħu bir-riżoluzzjoni 2202 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-17 ta' Frar 2015,

([1]) ĠU C 234, 28.6.2016, p. 14.
([2]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 74.
([3]) ĠU C 263, 25.7.2018, p. 109.
([4]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 97.
([5]) ĠU C 224, 27.6.2018, p. 58.
([6]) ĠU C 23, 21.1.2021, p. 7.
([7]) ĠU C 171, 6.5.2021, p. 25.
([8]) ĠU C 255, 29.6.2021, p. 54.
([9]) Testi adottati, P9_TA(2020)0232.
([10]) Testi adottati, P9_TA(2021)0018.
([11]) Testi adottati, P9_TA(2021)0159.
([12]) Testi adottati, P9_TA(2021)0291.

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE tal-14 ta' Marzu 2016, speċifikament il-ftehim dwar il-ħames prinċipji gwida tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Russja, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021 dwar ir-Russja, u tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-relazzjonijiet esterni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Ġunju 2021 intitolata "Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja – Nopponu, nillimitaw u niddjalogaw" (JOIN(2021)0020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Ġunju 2020 intitolata "Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 – X'inhuma l-fatti" (JOIN(2020)0008),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Krimea tat-23 ta' Awwissu 2021;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0259/2021),

A. billi r-Russja hija parti integrali mill-kontinent Ewropew u l-akbar ġar tal-Unjoni, u billi hemm interdipendenzi storiċi b'saħħithom, kif ukoll rabtiet kulturali u umani bejn ir-Russja u l-Istati Membri tal-UE; billi l-iżviluppi fir-Russja, f'termini tal-politiki tagħha u l-karatteristiċi tal-awtoritajiet tagħha, qegħdin jaffettwaw direttament lill-UE u lill-viċinat immedjat tagħha; billi, minkejja l-ostakli imposti fl-2014, l-UE għadha l-akbar sieħeb kummerċjali tar-Russja u r-Russja hija l-ħames l-akbar wieħed tal-UE; billi l-UE hija l-akbar investitur fir-Russja;

B. billi l-Parlament jagħmel distinzjoni bejn il-poplu Russu u r-reġim tal-President Putin, li huwa kleptokrazija awtoritarja staġnata mmexxija minn president "għal għomru" mdawwar b'ċirku ta' oligarki; billi l-azzjonijiet kritiċi proposti f'din ir-rakkomandazzjoni huma għalhekk diretti lejn ir-reġim tal-President Putin u l-azzjonijiet kriminali u l-politiki antidemokratiċi tiegħu, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jintlaħqu ċ-ċittadini Russi biex jagħrfu li l-Unjoni Ewropea hija lesta tindirizza t-tħassib tagħhom;

C. billi l-interess ewlieni tal-UE huwa ż-żamma tal-libertà, l-istabbiltà u l-paċi fil-kontinent Ewropew u lil hinn minnu, li huma mhedda mill-politiki aggressivi tal-awtoritajiet Russi u li jirrappreżentaw waħda mill-isfidi ewlenin għall-aġenda strateġika u tal-politika barranija tal-UE;

D. billi r-Russja jista' jkollha futur demokratiku; billi, bħal kull persuna oħra, iċ-ċittadini Russi jaspiraw għall-valuri universali tal-libertà u d-demokrazija; billi l-UE għandha tippreżenta lill-poplu Russu proposti konkreti għal kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku;

E. billi l-istrateġija tal-UE lejn ir-Russja teħtieġ tgħaqqad żewġ objettivi ewlenin: l-ewwel objettiv huwa t-twaqqif tal-aggressjoni esterna u r-repressjoni domestika tal-Kremlin, u t-tieni objettiv huwa l-involviment mal-poplu tar-Russja u jassistihom fil-bini ta' futur alternattiv li jkun ta' benefiċċju għall-popli kollha fil-kontinent Ewropew, inkluż il-poplu Russu;

F. billi r-relazzjonijiet tal-UE mal-Federazzjoni Russa huma bbażati fuq il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, il-prinċipji fundaturi tal-OSKE, id-demokrazija, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat; billi l-Gvern Russu attwali wera disprezz għal dawn il-prinċipji minkejja li kkommetta ruħu għalihom; billi r-Russja tuża ħażin l-istituzzjonijiet internazzjonali, primarjament in-NU u l-OSKE, biex timpedixxi l-ġustizzja u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti madwar id-dinja;

G. billi r-Russja reġgħet ingħaqdet mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2019 iżda l-ksur estensiv tagħha tad-drittijiet tal-bniedem għadu għaddej, kif ukoll ir-rifjut tagħha li tikkonforma mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

H. billi huwa ċar li l-politika barranija tal-President Putin hija aggressiva u reviżjonista, hekk kif jixtieq jitqies bħala d-difensur tal-interessi Russi u qiegħed jipprova jikseb kontroll fuq it-territorji li huwa jqis li ntilfu wara l-kollass tal-Unjoni Sovjetika u lil hinn minnha; billi l-għanijiet tar-reġim tal-President Putin jinkludu wkoll dan li ġej: jasserixxi l-awtorità tiegħu bħala setgħa kbira; jikkonsolida l-interferenza tar-reġim fil-pajjiżi post-Sovjetiċi u lil hinn minnhom; iqiegħed is-sovranità ta' stati b'saħħithom fuq id-dritt għas-sovranità ta' stati oħra; juża l-kunċett ta' protezzjoni tar-Russi etniċi barra mill-pajjiż bħala ġustifikazzjoni għal gwerra ibrida u diżinformazzjoni; juża żoni ta' kunflitti ffriżati bħala element strateġiku għall-interferenza fil-pajjiżi affettwati u biex dawn ma jitħallewx jersqu eqreb lejn l-UE u n-NATO; juża r-riżorsi tal-enerġija u l-prattiki illeċiti ta' ħasil tal-flus bħala għodod għall-manipulazzjoni u r-rikatt;

idgħajjef il-mudell tad-demokrazija liberali filwaqt li juri lir-Russja bħala moralment superjuri u lill-Punent bħala moralment inferjuri; irażżan id-demokrazija, l-oppożizzjoni demokratika u d-dritt tal-poplu li jesprimi r-rieda libera tiegħu fir-Russja; billi r-reġim tal-President Putin jirrifjuta b'mod partikolari l-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq l-istat tad-dritt, jinjora d-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji minquxa fil-Karta tan-NU, fl-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1975 u fil-Karta ta' Pariġi tal-OSKE tal-1990, kif jidher *inter alia* fl-emendi kostituzzjonali tal-2020, li l-proċess ta' adozzjoni tagħhom tqies mill-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-"Kummissjoni ta' Venezja") bħala "manifestament mhux xieraq" u jikser kemm il-liġi Russa kif ukoll l-obbligi tagħha marbuta mal-OSKE; billi r-Russja naqset milli timplimenta aktar minn elf sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

I. billi r-reġim Russu attwali qiegħed jhedded il-paċi u s-sigurtà fl-Ewropa bit-tkomplija tal-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-poplu tiegħu u b'imġiba aggressiva fil-politika barranija tiegħu, inkluż iżda mhux limitat għal: eżerċizzji militari fuq skala kbira u akkumulazzjonijiet militari; okkupazzjoni u annessjoni illegali u vjolenti tal-Krimea; ksur tal-integrità territorjali u destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, il-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova; appoġġ għal kunflitti ffriżati u nuqqas min-naħa tiegħu li jirrispetta l-ftehimiet ta' waqfien mill-ġlied fil-Georġia u l-Ukrajna; allegati atti ta' terroriżmu fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, bħaċ-Ċekja; ċiberattakki u attakki fuq infrastruttura sensittiva fl-Istati Membri tal-UE; ksur tad-dritt internazzjonali; interferenza elettorali; u vjolazzjonijiet fl-ispazju tal-baħar u tal-ajru ta' pajjiżi fil-Baħar Baltiku u fir-reġjuni tal-Baħar Baltiku; billi n-nuqqas tal-UE li tirrispondi b'mod adegwat għad-diversi atti ta' aggressjoni Russa, sa minn dak kontra l-Georgia fl-2008, inkoraġġixxa lir-Russja tkompli bil-kampanji militari u politiċi aggressivi tagħha fil-viċinat u lil hinn minnu, li b'hekk dgħajjef u mmina l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-istabbiltà fl-Ewropa u fi bnadi oħra;

J. billi l-amministrazzjoni Russa għadha taħżen armi offensivi u tistazzjona truppi qrib il-fruntieri tal-UE fl-enklav ta' Kaliningrad;

K. billi, bir-reġim attwali tagħha, ir-Russja hija theddida fit-tul għas-sigurtà Ewropea skont il-valutazzjoni reċenti tal-Grupp ta' Riflessjoni tan-NATO; billi r-Russja stabbiliet bażijiet militari ġodda u mmodernizzat bażijiet militari antiki fit-Tramuntana tal-pajjiż; billi r-Russja bidlet l-istatus tal-Flotta tat-Tramuntana tagħha għal distrett militari, żiedet fergħat differenti tal-forzi armati tagħha u reġgħet qajmet il-kunċett prinċipali ta' difiża maħsub biex tipproteġi l-kapaċitajiet strateġiċi tagħha; billi l-"Enhanced Forward Presence" tan-NATO fin-naħa tal-Lvant kellha rwol kruċjali ta' deterrent għar-Russja milli twettaq attivitajiet destabbilizzanti, inkluż l-akkumulazzjoni militari fid-Distrett Militari tal-Punent; billi l-kollass tal-kontroll tal-armi mar-Russja (pereżempju l-irtirar tagħha mit-Trattat dwar il-Forzi Nukleari ta' Medda Intermedja u t-Trattat dwar is-Sema Miftuħ) u n-nuqqas ta' progress fid-diżarm nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari, kif ukoll iċ-ċaħda tat-Trattat il-ġdid dwar il-Projbizzjoni tal-Armi Nukleari min-naħa tar-Russja, huma ta' tħassib serju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej; billi dan hu akkumpanjat minn modernizzazzjoni perikoluża tal-ħażniet nukleari u konvenzjonali Russi u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji destabbilizzanti (missili ipersoniċi b'kapaċità nukleari, torpedos, eċċ.);

L. billi f'Marzu u f'April 2021, b'mod partikolari, ir-reġim tal-Kremlin żied b'mod sostanzjali l-preżenza militari tiegħu fil-fruntiera tal-Lvant u tat-Tramuntana tal-Ukrajna mar-Russja, li hija l-akbar konċentrazzjoni ta' truppi Russi mill-2014 'l hawn; billi r-reġim tal-Kremlin issospenda d-dritt ta' passaġġ għal bastimenti tal-gwerra u bastimenti kummerċjali ta' pajjiżi oħra minn parti mill-Baħar l-Iswed fid-direzzjoni tal-Istrett ta' Kerch, li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tan-navigazzjoni ggarantiti mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt Marittimu, li r-Russja hija firmatarja tagħha;

M. billi r-Russja qiegħda tipprovdi appoġġ politiku u ekonomiku konsistenti lir-reġim illeġittimu u kundannabbli ta' Aliaksandr Lukashenko fil-Belarussja; billi l-investiment politiku u ekonomiku tal-President Putin fis-sopravivenza tar-reġim illeġittimu ta' Lukashenko huwa l-unika raġuni għaliex dan tal-aħħar għadu jista' jkompli bil-persekuzzjoni brutali tiegħu tal-poplu Belarussu li qiegħed jitlob ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-elezzjonijiet ħielsa u trasparenti, l-istat tad-dritt u l-ġustizzja; billi l-iżviluppi politiċi reċenti fil-Belarussja u r-Russja għandhom bosta karatteristiċi komuni u l-proċessi fiż-żewġ pajjiżi qegħdin jinfluwenzaw lil xulxin b'mod sinifikanti ħafna; billi l-protesti kontra r-reġim awtoritarju u l-appelli għal bidla fil-Belarussja qegħdin jispiraw appelli simili mill-poplu fir-Russja; billi l-awtoritajiet tal-Kremlin qegħdin iżidu r-repressjonijiet tal-oppożizzjoni politika qabel l-elezzjonijiet li ġejjin tad-Duma f'Settembru 2021, jillimitaw u jċaħħdu l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni u jimpedixxu lil ċerti politiċi tal-oppożizzjoni milli joħorġu għall-elezzjoni, u b'dan il-mod qegħdin jeqirdu l-kompetizzjoni politika billi jisirqu l-opportunità ta' elezzjonijiet ġusti, bħalma għamel id-dittatorjat tal-Belarussja f'Awwissu 2020;

N. billi r-Russja tal-President Putin qiegħda tkompli bl-isforzi tagħha biex tiddestabbilizza l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE u l-pajjiżi assoċjati tas-Sħubija tal-Lvant bil-għan li toħloq ostakli jew twaqqaf il-proċess tal-integrazzjoni Ewro-Atlantika tagħhom; billi qiegħda tintuża politika ta' "għoti furzat ta' passaporti" biex jiżdied l-għadd ta' kompatrijotti Russi u biex *de facto* tiġi estiża l-ġuriżdizzjoni Russa fuq territorji okkupati minnha u territorji separatisti, b'mod partikolari t-Transnistrija, l-Ossezja tan-Nofsinhar, l-Abkażja, id-Donbas u l-Peniżola tal-Krimea; billi dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet internazzjonali;

O. billi r-riformi kostituzzjonali Russi tal-2020 irrevedew l-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija, naddfu l-istorja Sovjetika u ddikjaraw lir-Russja bħala s-suċċessur tal-Unjoni Sovjetika, introduċew id-dritt ta' intervent internazzjonali għad-difiża ta' kompatrijotti Russi u pprojbixxew diskussjonijiet dwar ir-ritorn ta' artijiet rivendikati mir-Russja lil pajjiżi barranin;

P. billi l-UE għandha ssegwi mill-qrib il-pożizzjoni u l-involviment tar-Russja fl-Afganistan, peress li r-Russja qed tipprova tisfrutta l-irtirar tal-Punent għall-interessi tagħha u timla l-vojt li jirriżulta fil-poter;

Q. billi l-Istati Membri tal-UE li jippermettu ċittadinanza doppja huma esposti għall-politika tar-Russja dwar l-għoti furzat ta' passaporti; billi l-Istati Membri tal-UE li adottaw programmi magħrufa bħala passaporti tad-deheb jippermettu lil dawk leali għall-Kremlin igawdu minn kwalità tal-ħajja Ewropea bi flus misruqa mill-poplu Russu u jxerrdu l-korruzzjoni fl-UE;

R. billi r-Russja qiegħda timplimenta kunċett ostili ta' "Dinja Russa" biex twitti t-triq għall-interferenza tagħha f'pajjiżi barranin għad-difiża ta' kompatrijotti Russi; billi d-"Dinja Russa" qiegħda tiġi promossa minn mezzi tal-midja tal-istat bħal Russia Today u Sputnik bil-lingwi nattivi tal-Istati Membri tal-UE; billi l-pandemija tal-COVID-19 qiegħda tintuża mill-magna ta' propaganda tal-Kremlin biex iżżid id-diviżjoni fost l-Istati Membri tal-UE, turi li l-UE mhijiex kapaċi tlaħħaq mal-pandemija, ixxerred dubji dwar il-vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, tiskoraġġixxi lin-nies fl-UE milli jitlaqqmu u tirriabilita l-immaġni tar-Russja f'għajnejn il-popli tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-vaċċin Sputnik V;

S. billi għadd kbir ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali (NGOs) u gruppi radikali, inkluż movimenti politiċi, qegħdin jirċievu finanzjament mir-Russja;

T. billi r-Russja għadha involuta f'diversi partijiet tad-dinja, inklużi l-Balkani tal-Punent, l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq, l-Afrika sub-Saħarjana u l-Amerka Latina u l-Artiku; billi l-Gvern Russu juża unitajiet paramilitari (il-"Grupp Wagner") biex jappoġġja reġimi dittatorjali madwar id-dinja u jimmina l-isforzi tal-UE u tal-komunità internazzjonali biex itaffu l-kunflitti, jibnu l-paċi u jiżguraw l-istabbiltà; billi r-reġjun tal-Balkani tal-Punent, li jinkludi Stati Membri potenzjalment ġodda tal-UE, huwa magħmul minn preżenza qawwija tar-Russja, b'mod partikolari fis-Serbja; billi fl-2016, ġewwa l-Montenegro, l-aġenzija ta' intelliġenza militari Russa (GRU) kienet involuta f'tentattivi biex twaqqa' l-parlament tal-pajjiż, toqtol il-prim ministru u tqiegħed gvern favur ir-Russja u kontra n-NATO, biex b'hekk tiġi evitata l-adeżjoni tal-Montenegro man-NATO;

U. billi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-UE, ir-reġim tal-Kremlin allegatament involva uffiċjali tal-intelligence attivi Russi f'żewġ splużjonijiet ta' depots ta' munizzjon fl-2014 fejn inqatlu żewġ ċittadini Ċeki u saret ħsara materjali kbira; billi l-istess aġenti tal-GRU kienu responsabbli wkoll għall-attentat ta' qtil ta' Sergei u Yulia Skripal fir-Renju Unit fl-2018 bl-użu ta' aġent nervin militari tat-tip Novichok; billi l-aġenti tal-GRU ġew akkużati wkoll bl-attentat ta' qtil ta' Emilian Gebrev, is-sid ta' fabbrika tal-armi, u żewġ persuni oħra fil-Bulgarija fl-2015, kif ukoll bl-assassinju ta' Zelimkhan Khangoshvili, li nqatel f'Berlin fl-2019 minn aġenti Russi; billi l-azzjonijiet illegali mir-reġim tal-Kremlin fit-territorju taċ-Ċekja, il-Bulgarija u bosta Stati Membri oħra, ir-Renju Unit u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jikkostitwixxu ksur kritiku tas-sovranità tagħhom; billi r-reġim tal-Kremlin mhuwiex jikkoopera fl-investigazzjoni ta' dawn id-delitti u qiegħed jipproteġi lill-persuni suspettati ewlenin;

V. billi huwa kundannabbli li l-awtoritajiet Russi qegħdin, b'mod volontarju jew involontarju, jikkommettu lil pajjiżhom għal dipendenza fuq iċ-Ċina, li jista' biss idgħajjef il-Federazzjoni Russa u l-kontinent Ewropew kollu u, b'mod partikolari, jippermetti lill-awtoritajiet Ċiniżi jespandu l-preżenza u l-influwenza tagħhom fl-Asja Ċentrali u s-Siberja;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

W. billi l-Kremlin qiegħed ikompli d-diżinformazzjoni, il-propaganda u ndħil ibridu tiegħu fil-politika domestika u l-proċessi demokratiċi tal-UE, li huma theddida għall-valuri fundamentali tal-UE – jiġifieri r-rispett għad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem – u għandhom il-potenzjal jimminaw il-politiki tal-gvernijiet nazzjonali, ixerrdu d-diffamazzjoni u jippreżentaw immaġni tal-Punent bħala għadu, jippromwovu l-mibegħda, l-intolleranza u n-nostalġija Sovjetika, jibdlu l-istorja tad-delitti Sovjetiċi u fl-aħħar mill-aħħar japprofondixxu d-diviżjoni bejn ir-Russja u l-Ewropa, b'mod partikolari mal-pajjiżi li qabel kienu jagħmlu parti mill-blokk komunist; billi l-UE u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll oġġetti ta' importanza strateġika u proċessi demokratiċi bħall-elezzjonijiet, huma l-mira kostanti ta' ċiberattakki Russi; billi l-ogħla ġerarkija tal-Knisja Ortodossa Russa tappoġġja r-reġim ta' Putin; billi l-liġijiet Russi jippermettu r-repressjoni ta' gruppi reliġjużi li jitqiesu bħala estremisti; billi s-sejbiet li saru reċentement dwar il-kuntatti mill-qrib u regolari bejn uffiċjali Russi, inklużi membri tas-servizz tas-sigurtà, u rappreżentanti ta' grupp ta' seċessjonisti Katalani fi Spanja jirrikjedu investigazzjoni fil-fond; billi dan jista' jispiċċa jkun eżempju ieħor ta' ndħil Russu fl-Istati Membri u tat-tentattivi kostanti tar-Russja li tisfrutta kwalunkwe kwistjoni li tista' biex tippromwovi d-destabbilizzazzjoni interna fl-UE;

X. billi s-sanzjonijiet tal-Punent fuq ir-Russja, it-tnaqqis fid-dħul mill-esportazzjonijiet tal-fjuwils fossili, ekonomija mhux kompetittiva, in-nefqa militari għolja u t-trasferimenti soċjali domestiċi kollha wasslu biex ir-Russja tiffaċċja diffikultajiet finanzjarji; billi r-Russja tinsab fil-129 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2020 minħabba li l-korruzzjoni enormi fil-livell tal-istat taffettwa l-kwalità tas-servizzi pubbliċi għall-poplu Russu, li għadhom sottofinanzjati, inkluż il-kura tas-saħħa pubblika li hija ta' importanza partikolari matul il-pandemija; billi kważi 19-il miljun Russu jgħixu taħt il-linja tal-faqar;

Y. billi l-Gvern Russu impona, *inter alia*, sanzjonijiet fuq il-President tal-Parlament David Sassoli, il-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourová u sitt uffiċjali oħra tal-Istati Membri u billi dawn is-sanzjonijiet huma inaċċettabbli u infondati minħabba li m'għandhom ebda ġustifikazzjoni legali; billi l-Gvern Russu approva wkoll lista ta' "pajjiżi mhux ħbieb", li tinkludi ċ-Ċekja u l-Istati Uniti;

Z. billi fl-2019, aktar minn 60 % tal-importazzjonijiet tal-UE mir-Russja kienu prodotti tal-enerġija; billi l-UE għandha tnaqqas id-dipendenza tal-ekonomija tagħha, speċjalment fis-settur tal-enerġija, fuq il-provvisti Russi tal-gass lis-swieq tal-UE, li bħalissa hija ta' 48 % u li x'aktarx ser tiżdied; billi l-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD) huwa strument ewlieni biex tiġi żgurata s-sigurtà ġeopolitika tal-UE u billi, skont it-tbassir tal-Kummissjoni, jekk jiġi implimentat l-EGD l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass naturali tal-UE wara l-2030 huma mistennija li jonqsu b'mod drammatiku, bl-importazzjonijiet taż-żejt jonqsu bi 78-79 % u l-importazzjonijiet tal-gass naturali bi 58-67 % meta mqabbla maċ-ċifri tal-2015;

AA. billi l-konsum tal-gass Ewropew laħaq il-quċċata tiegħu u l-kapaċità tal-pipeline Nord Stream attwali mhix tintuża kompletament bħalissa; billi d-deċiżjoni diviżiva ta' ċerti Stati Membri li jibnu Nord Stream 2 hija inkompatibbli mal-valuri tas-solidarjetà u l-fiduċja tal-Unjoni tal-Enerġija; billi Nord Stream 2 huwa inkompatibbli mal-għanijiet tal-EGD li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li jintlaħqu emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra sal-2050;

AB. billi l-UE għandha titlob lir-Russja tiggarantixxi aċċess liberu u bla xkiel għall-ħekk imsejħa arkivji "trofew", li ġew trasferiti lejn Moska fl-1944 u l-1945 mit-territorji okkupati mill-Unjoni Sovjetika, kif ukoll għall-arkivji storiċi u l-artefatti li ttieħdu minn pajjiżi Ewropej mill-Imperu Russu u li bħalissa huma miżmumin fir-Russja;

AC. billi l-istat tad-dritt, il-ġudikatura indipendenti u stampa ħielsa jinsabu fil-qalba ta' soċjetajiet demokratiċi reżiljenti;

AD. billi l-Federazzjoni Russa tippreżenta mhux biss theddida esterna għas-sigurtà Ewropea, iżda qiegħda wkoll tirreprimi lill-poplu tagħha; billi s-sitwazzjoni fir-Russja qiegħda tiddeterjora b'mod ikrah minħabba r-ripressjoni dejjem akbar min-naħa tal-President Putin fuq il-forzi demokratiċi, li l-għan tagħha huwa s-silenzju tal-kritiċi domestiċi tiegħu, l-oppożizzjoni politika u l-attivisti kontra l-korruzzjoni, il-limitazzjoni tal-libertà ta' għaqda tagħhom u l-ostaklu tal-attivitajiet tagħhom u dawk tas-soċjetà ċivili Russa, kif deher bl-arrest ta' aktar minn 11 000 dimostrant paċifiku mill-awtoritajiet Russi ġimagħtejn biss wara l-arrest ta' Alexei Navalny biex b'hekk l-għadd totali ta' Russi arrestati minn Jannar 2021 'l hawn jammonta għal aktar minn 15 000 persuna; billi r-Russja kompliet tarresta b'mod illegali ċ-ċittadini tagħha u tolqot il-mexxejja tal-oppożizzjoni, il-ġurnalisti indipendenti, id-dimostranti u l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet fir-Russja għadhom koroh u billi dawk arrestati jiġu soġġetti għal tortura, fastidju u attakki fiżiċi;

AE. billi bl-adozzjoni ta' liġijiet dwar "aġenti barranin" u "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa", ir-reġim tal-Kremlin qiegħed jippermetti li individwi, assoċjazzjonijiet u mezzi tal-istampa jiġu stigmatizzati, u b'hekk dan jikser id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni tagħhom, jillimita d-drittijiet taċ-ċittadini li jimpenjaw ruħhom u jikkontribwixxu għas-soċjetà ċivili Russa u jqiegħed f'riskju s-sikurezza personali tagħhom; billi r-reġim tal-Kremlin kompla jsaħħaħ dawn il-liġijiet billi estenda r-restrizzjonijiet għal persuni jew entitajiet li jappoġġjaw "aġenti barranin" u "organizzazzjonijiet barranin mhux mixtieqa", u b'hekk eskluda sistematikament membri attivi tas-soċjetà ċivili, NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u l-oppożizzjoni milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 fir-Russja; billi, b'mod partikolari, partijiet ġodda ta' leġiżlazzjoni adottati f'Diċembru 2020 u f'Jannar 2021 espandew il-kamp ta' applikazzjoni ta' individwi u gruppi li jistgħu jiġu definiti bħala "aġenti barranin", id-definizzjoni ta' "fondi barranin" u r-rekwiżiti għat-tikkettar ta' materjali; billi l-abbozzi ta' liġijiet ġodda proposti f'Mejju 2021 kellhom l-għan li jespandu l-impatt tal-liġi dwar organizzazzjonijiet "mhux mixtieqa" u jimponu projbizzjonijiet b'effett retroattiv fuq kandidati potenzjali għall-Parlament Russu; billi l-awtoritajiet Russi qegħdin ikomplu bi prosekuzzjoni kontra nies minħabba l-allegata affiljazzjoni ma' gruppi identifikati bħala estremisti skont il-liġi Russa kontra l-estremiżmu li għandha definizzjoni wisq vasta; billi d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Russi li jiddikjaraw il-Fondazzjoni Kontra l-Korruzzjoni mmexxija minn Alexei Navalny bħala organizzazzjoni estremista hija waħda infondata, diskriminatorja u ġiet adottata bl-għan uniku li teqred il-possibbiltajiet tal-oppożizzjoni li tipparteċipa b'mod effettiv fil-kampanji elettorali;

AF. billi, skont iċ-ċentru għad-drittijiet tal-bniedem Memorial, l-awtoritajiet Russi bħalissa għandhom madwar 400 priġunier politiku, bi ksur tal-obbligi tal-Federazzjoni Russa skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 9 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u l-Artikolu 23 tad-dokument ta' konklużjoni tal-Laqgħa ta' Vjenna tal-5 ta' Jannar 1989 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa;

AG. billi matul dawn l-aħħar għoxrin sena kien hemm għadd ta' attentati ta' qtil jew qtil ta' avversarji tar-reġim u ġurnalisti indipendenti, kemm fir-Russja stess jew fuq art barranija, inkluż dawk ta' Anna Politkovskaya, Boris Nemtsov, Alexander Litvinenko, Sergei u Yulia Skripal, Sergei Protazanov, Pyotr Verzilov, Vladimir Kara-Murza, Alexei Navalny, Zelimkhan Khangoshvili u oħrajn; billi l-organizzaturi ta' dawn id-delitti għadhom ma ġewx identifikati u akkużati minħabba li r-ripressjoni kontinwa tad-dissidenti soċjali hija msaħħa mill-impunità tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà u min-nuqqas ta' rieda tal-ġudikatura li tfittex l-awturi reali ta' dawn id-delitti; billi r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni huma sistematikament soġġetti għal attakki verbali, kampanji *ad hominem* u diżumanizzazzjoni mill-midja tal-gvern jew dik favur il-gvern; billi r-rapport tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE dwar il-qtil ta' Boris Nemtsov ikkonkluda li l-kwistjoni ewlenija biex tiġi indirizzata l-impunità mhijiex il-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi Russa iżda r-rieda politika; billi r-rapport tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE jinnota wkoll li investigazzjoni sħiħa dwar il-qtil tkun l-ewwel pass biex tiġi indirizzata l-klima ta' impunità fir-Russja;

AH. billi l-emendi kostituzzjonali illegali, minbarra li taw lill-President Putin deroga mil-limiti tal-mandat presidenzjali fl-2024, dgħajfu ulterjorment id-dritt ta' proċess ġust fir-Russja, inkluż billi taw lill-President is-setgħa li jinnomina l-imħallfin tal-Qrati Kostituzzjonali u Supremi u jagħti bidu għall-ħatra tal-imħallfin federali kollha u t-tkeċċija ta' mħallfin federali superjuri;

AI. billi l-libertà tal-midja fir-Russja qiegħda tiddeterjora b'mod rapidu billi l-Gvern Russu aċċelera l-kampanja twila tiegħu li ilha għaddejja snin biex jeqred is-soċjetà ċivili u l-istampa indipendenti, filwaqt li hedded organizzazzjonijiet bħal Meduza, Radio Free Europe/Radio Liberty, VTimes, For Human Rights, il-Fond Ewropew għad-Demokrazija u Open Russia b'piżijiet leġiżlattivi, regolatorji u burokratiċi oneruż, li llimita l-aċċess għas-sorsi kollha ta' finanzjament li mhumiex taħt il-kontroll tal-gvern u tal-alleati tiegħu, hekk kif iddeskrivihom negattivament b'titli bħal "aġent barrani" jew "mhux mixtieq", li b'hekk ineħħi l-krettu ta' dawn il-gruppi u l-prinċipji ġurnalistiċi u tad-drittijiet tal-bniedem ta' livell għoli li huma jirrappreżentaw u li mingħajrhom ir-Russja ma tistax tkun demokratika, prosperuża u ħielsa; billi l-qasam tal-midja fir-Russja huwa kkontrollat u proprjetà tal-istat, ma hemm ebda xandar pubbliku, il-ftit sorsi ta' midja indipendenti li fadal qegħdin jitħabtu finanzjarjament u jiffaċċjaw persekuzzjoni, inklużi attakki fiżiċi u arresti fil-konfront tal-ħaddiema tagħhom; billi mill-1992, 58 ġurnalist inqatlu fir-Russja; billi l-liġi ta' "internet sovran" tippermetti lill-gvern jimblokka kwalunkwe kontenut mhux mixtieq fuq l-internet; billi l-ħidma ħielsa u indipendenti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-midja hija l-ġebla tax-xewka ta' soċjetà demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

AJ. billi l-opportunitajiet għal osservazzjoni elettorali imparzjali naqsu b'mod kostanti fir-Russja matul dawn l-aħħar għaxar snin, hekk kif in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet għal akkreditazzjoni diretta ta' ċittadini li josservaw l-elezzjonijiet iġegħelhom jaġixxu f'isem il-kontestanti jew il-mezzi tal-midja u għaldaqstant dan imur kontra l-idea nnifisha ta' skrutinju elettorali indipendenti mis-soċjetà ċivili u jmur ukoll kontra l-istandards internazzjonali; billi r-rapport Freedom in the World 2021 qiegħed lir-Russja fil-kategorija ta' pajjiżi "mhux ħielsa"; billi l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini fir-Russja huma limitati u l-ambjent elettorali huwa kkontrollat, il-poplu Russu huwa skoraġġut milli jipparteċipa fi protesti pubbliċi minħabba proċeduri burokratiċi oneruži li ġew stabbiliti biex iċ-ċittadini jirċievu permess u minħabba vjolenza mill-pulizija waqt protesti paċifiċi;

AK. billi dawn l-iżviluppi domestiċi possibbilment jipprevedu deterjorament ulterjuri qabel l-elezzjonijiet parlamentari ta' Settembru 2021 fir-Russja, u jistgħu jwasslu għal aktar ripressjoni tal-oppożizzjoni politika fir-Russja, inkluż ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-awtoritajiet Russi għandhom arrestati l-ħabs jew taħt arrest domiċiljari atturi ewlenin tal-oppożizzjoni li huma parti mill-kampanja elettorali parlamentari; billi r-ripressjoni kontinwa ta' kandidati tal-oppożizzjoni mill-awtoritajiet Russi b'abbuż tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni u b'mira selettiva fuq avversarji politiċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-toroq u l-qrati f'każijiet iffalsifikati ser tagħmilha sempliċiment impossibbli li jsir diskors dwar elezzjonijiet parlamentari ġusti f'Settembru 2021, hekk kif ir-reġim fir-Russja qiegħed jeqred il-kompetizzjoni politika u d-demokrazija pluralista permezz ta' dawn l-azzjonijiet;

AL. billi għaldaqstant hemm dubji leġittimi jekk l-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin humiex ser ikunu ħielsa u ġusti;

AM. billi f'diversi okkażjonijiet il-Parlament esprima t-tħassib tiegħu dwar l-istat tad-demokrazija, in-nuqqas sistematiku ta' osservanza tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali, l-ispazju dejjem iżgħar għall-atturi indipendenti u dissidenti u l-attakki fuq il-libertà tal-midja fir-Russja; billi l-oppressjoni sistemika li dejjem qiegħda tiżdied fuq l-oppożizzjoni mill-Kremlin fir-Russja hija mument ta' riflessjoni għall-komunità internazzjonali kollha u billi l-UE għandha tkun lesta tiffaċċjaha u tiżviluppa strateġija ta' rispons koerenti; billi, b'mod partikolari, l-UE għandha żżid pressjoni dejjem akbar fuq ir-reġim tal-Kremlin qabel u wara l-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 biex tiddefendi d-dritt tal-poplu Russu li jkollu elezzjonijiet ħielsa li fihom il-partiti politiċi kollha għandu jkollhom aċċess ugwali u opportunitajiet indaqs;

AN. billi l-komunità LGBTI+ f'diversi partijiet tal-Federazzjoni Russa qiegħda tħabbat wiċċha ma' diskriminazzjoni estensiva, inkluż fastidju, tortura, priġunerija u qtil u billi s-sitwazzjoni hija partikolarment perikoluża fiċ-Ċeċenja li fl-2017 bdiet it-tneħħija ta' persuni LGBTI+, fejn għexieren ġew arrestati u torturati u tal-inqas mietu tnejn, id-detenzjoni u t-tortura ta' għexieren ta' persuni u l-qtil ta' mill-inqas tnejn, li wassal biex bosta persuni jfittxu refuġju sikur barra mill-pajjiż; billi l-liġijiet eżistenti jipprojbixxu kwalunkwe diskussjoni pubblika dwar "relazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali"; billi, wara bidliet kostituzzjonali illegali, ġiet adottata leġiżlazzjoni li taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuni LGBTI+, inklużi d-drittijiet għaż-żwieġ u t-trobbija tat-tfal;

AO. billi fir-Russja għadhom jeżistu diskrepanzi serji fir-reazzjoni uffiċjali għall-vjolenza sessista mifruxa u l-vjolenza domestika, inkluż in-nuqqas ta' protezzjoni suffiċjenti u mezzi ta' rimedju għall-vittmi; billi l-abbozz ta' liġi dwar il-vjolenza domestika, li ġie propost f'Novembru 2019, naqas milli jipprovdi definizzjoni komprensiva ta' vjolenza domestika; billi fil-bidu tal-2020 il-Parlament neħħa l-prijorità tar-rieżami tal-abbozz ta' liġi u li dan għadu pendenti; billi l-ombudsperson tar-Russja nnota li l-vjolenza domestika żdiedet matul il-pandemija tal-COVID-19, bil-każijiet irrapportati jiżdiedu b'aktar mid-doppju matul il-lockdown tar-rebbiegħa; billi l-istrateġija tal-UE dwar ir-Russja għandha konsegwentement tindirizza d-diskriminazzjoni li qiegħda tikber u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll id-drittijiet tan-nisa, l-LGBTI+ u d-drittijiet tal-minoranzi l-oħra fir-Russja;

AP. billi t-trasformazzjoni demokratika tar-Russja hija interess ta' sigurtà ġeopolitiku ewlieni tal-UE u billi r-Russja tal-President Putin għadha l-akbar sfida għas-sigurtà Ewropea;

AQ. billi, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020, tal-21 ta' Jannar 2021 u tad-29 ta' April 2021, il-Parlament stieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, iwettaq rieżami tal-politika tal-UE fir-rigward tar-Russja, inkluż il-ħames prinċipji ta' gwida li ntlaħaq qbil dwarhom fl-2016, filwaqt li jenfasizza li r-relazzjonijiet futuri tal-UE mar-Russja ser jiddependu fuq il-rata ta' trasformazzjoni demokratika tar-Russja (jew in-nuqqas tagħha); billi talab ukoll

lill-istituzzjonijiet tal-UE jfasslu approċċ strateġiku komprensiv ġdid jekk jitqies li kwalunkwe djalogu mar-Russja jrid ikun ibbażat fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem;

AR. billi l-istrateġija aġġornata tal-UE għandha tqis xenarji differenti, żviluppi possibbli u rispons ċar jekk ir-Russja tikser id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż strumenti effettivi kontra l-indħil tar-Russja u t-tixrid tad-diżinformazzjoni, kif ukoll strumenti għal impenn selettiv, fejn possibbli; billi l-Parlament talab ukoll lill-Kunsill biex immedjatament jibda t-tħejjijiet u jadotta strateġija tal-UE għal relazzjonijiet futuri ma' Russja demokratika, inkluża offerta wiesgħa ta' inċentivi u kundizzjonijiet biex jissaħħu t-tendenzi domestiċi lejn il-libertà u d-demokrazija;

AS. billi l-ħames prinċipji gwida tal-UE għar-relazzjonijiet mar-Russja rażżnu aggressjoni ulterjuri kontra l-Ukrajna min-naħa tal-Kremlin, imma huma siekta dwar it-trażżin tar-ripressjoni tal-President Putin fuq il-poplu Russu; billi l-ħames prinċipji gwida tal-UE għar-relazzjonijiet mar-Russja għadhom validi bħala qafas funzjonali, iżda jridujkunu akkumpanjati minn strateġija reali li jkollha l-għan li jintlaħqu l-għanijiet tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mar-Russja, inkluż *inter alia* billi tiġġieled il-politiki ostili attwali tal-Kremlin u tkun ta' deterrent minn aktar aggressjoni fuq il-viċinat u billi tagħmel il-konsegwenzi għal azzjonijiet militari f'pajjiżi barranin aktar serji, inkluż azzjonijiet minn alleati u merċenarji; billi minħabba li m'hemmx prospetti għal żviluppi pożittivi sinifikanti mat-tmexxija Russa attwali, il-ħames prinċipji għandhom jiġu kkomplementati biex irażżnu r-ripressjoni tal-President Putin fuq il-poplu Russu u l-attivitajiet destabbilizzanti akbar tal-Kremlin;

AT. billi l-istrateġija l-ġdida tal-UE għandha tkun iċċentrata fuq il-prinċipji ta' "respinġiment, trażżin u impenn", li huma mmirati li jsaħħu l-kapaċità tal-UE li tiġġieled kontra t-theddid tal-Kremlin, speċjalment fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, inkluża l-Belarussja, kif ukoll fir-Russja stess, billi tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u tgħin lir-Russja fit-trasformazzjoni tagħha f'demokrazija, skont il-prinċipju "id-demokrazija l-ewwel u qabel kollox"; billi l-objettiv ewlieni ġenerali tal-UE għandu jkun li ssawwar ir-relazzjonijiet mal-Federazzjoni Russa b'tali mod li l-paċi, l-istabbiltà, is-sigurtà, il-prosperità, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha fl-UE u l-viċinat tagħha jiġu ppreservati, id-dritt internazzjonali jiġi rrispettat u d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jibqgħu l-prinċipji gwida; billi l-aktar żviluppi reċenti fir-Russja wrew li l-istrateġija tal-UE dwar ir-Russja għandha tkun ħafna aktar proattiva u jkollha objettiv definit b'mod ċar ta' "impenn" li għandu jiffoka mhux biss fuq l-hekk imsejjaħ impenn selettiv tradizzjonali mal-Kremlin, iżda pjuttost fuq impenn "strateġiku" mas-soċjetà ċivili Russa biex tiġi assistita t-trasformazzjoni tar-Russja lejn id-demokrazija;

AU. billi fil-qalba tal-istrateġija tal-UE dwar ir-Russja għandu jkun hemm l-appoġġ għal-libertà u d-demokrazija; billi strateġija bħal din għandha tkun fl-interessi tas-sigurtà tal-UE u toffri djalogu kostruttiv lir-Russja; billi relazzjoni kostruttiva xorta tkun fl-interess kemm tal-UE kif ukoll tar-Russja u tal-popli tagħhom; billi għadha teżisti l-possibbiltà ta' kollaborazzjoni biex jiġu kondiviżi interessi komuni, jiġu solvuti l-problemi u jiġu indirizzati sfidi strateġiċi, bħall-politika dwar il-klima jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li jiġu promossi l-valuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u jiġi żgurat li t-tisħiħ futur tar-relazzjonijiet bilaterali jkun jiddependi fuq li l-Federazzjoni Russa twettaq l-impenji proprji dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija f'konformità mal-kostituzzjoni tagħha u l-obbligi internazzjonali tagħha;

AV. billi, fl-istess waqt, l-UE trid tiffoka fuq li tħares il-kredibbiltà tagħha internament rigward l-attitudni tagħha li hija orjentata lejn il-valuri billi tirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali b'mod ħafna aktar direct u onest, hekk kif il-vjolenza mill-pulizija, il-liġijiet kriminali antikwati u r-reżistenza għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità f'xi Stati Membri huma ta' ħsara għar-reputazzjoni u l-kredibbiltà tagħha barra l-Ewropa; billi l-UE trid tikkomunika wkoll aspettattivi komparabbli fil-konfront tas-sħab kollha, billi tiddenunzja l-ksur tad-dritt internazzjonali, b'mod konsistenti tieħu miżuri konsegwenzjali ħorox u żżomm lura milli tapplika standards doppji meta tivvaluta tali ksur;

AW. billi l-unità fost l-Istati Membri tal-UE hija l-aħjar politika biex ir-Russja tiġi skoraġġuta milli twettaq azzjonijiet destabbilizzanti u sovversivi fl-Ewropa; billi meta tkun qiegħda tiddetermina kif tikkoordina l-istrateġija aġġornata tagħha – b'mod partikolari f'oqsma strateġiċi bħall-Unjoni Ewropea tad-Difiża, l-Unjoni Ewropea tal-Enerġija, iċ-ċiberdifiża, iċ-ċiberterroriżmu u l-għodod ta' komunikazzjoni strateġika – l-UE għandha għaldaqstant tkun aktar unifikata peress li l-politika tar-Russja lejha ilha għal żmien twil tevita l-istituzzjonijiet tal-UE u tiffavorixxi relazzjonijiet bilaterali mal-Istati Membri bħala tentattiv biex tesponi u żżid id-diviżjonijiet interni tal-UE; billi djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet Russi jkun jeħtieġ koordinazzjoni, kooperazzjoni u unità aktar mill-qrib bejn l-Istati

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

Membri u aktar saħħa u ċertezza fir-reazzjoni tagħhom għal kwalunkwe provokazzjoni u aggressjoni minn Moska, biex hekk jinstab bilanċ bejn iċ-ċertezza u d-disponibbiltà għal djalogu dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;

AX. billi l-istrateġija tal-UE dwar ir-Russja għandha tappoġġja lir-Russja fi triqtha biex issir pajjiż demokratiku billi (i) tirreaġixxi u tuża sanzjonijiet punittivi lejn dawk fil-Kremlin u qribu li huma lesti li jisirqu l-elezzjonijiet jew ixaħħmu biex jirbaħħa jew jikkommettu reati kbar oħra kontra d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri tad-demokrazija, kemm fir-Russja kif ukoll fil-viċinat immedjat tal-UE, (ii) tipprovdi assistenza lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant billi toffri politika ta' integrazzjoni tal-UE ambizzjuża u tiżviluppa r-responsabbiltà strateġika tal-UE u l-kapaċitajiet ġeopolitiċi ta' tmexxija li huma meħtieġa biex jiġu implimentati tali politiki; u (iii) jkollha strateġija ta' involviment ma' soċjetà favur id-demokrazija fir-Russja biex titwitta t-triq għal relazzjonijiet futuri ma' Russja demokratika;

AY. billi Viċinat tal-Lvant tal-UE li jirnexxi, prosperu u demokratiku huwa meqjus mill-Kremlin bħala theddida għall-istabbiltà tar-reġim tal-President Putin, minħabba li jista' jipprovdi ispirazzjoni ta' "setgħa ta' persważjoni" lin-nies komuni fir-Russja; billi d-demokratizzazzjoni tal-Viċinat tal-Lvant tal-UE hija għaldaqstant fl-interess ta' dawk il-pajjiżi u tal-UE u għandha importanza kruċjali għad-demokratizzazzjoni futura tar-Russja; billi l-għan reali tal-Kremlin rigward il-kunflitti f'dan ir-reġjun huwa li jneħħi l-leġittimità tal-bidla demokratika bħala mezz ta' trasferiment tal-poter, biex jipprevjeni l-iżvilupp b'suċċess ta' dawn l-istati, biex jiskredita d-demokrazija liberali u biex jesporta s-sistema ta' poter proprja tar-Russja;

AZ. billi l-istrateġija tal-UE għandha tinsisti fuq strateġija fit-tul dwar ir-Russja, abbażi tas-suppożizzjoni li – bħall-Ukreni u l-Belarussi – il-poplu Russu jista' jfittex li jittrasforma lil pajjiżu f'demokrazija; billi t-trasformazzjoni tar-Russja lura f'demokrazija ser tiddependi fuq ir-rieda tal-poplu Russu; billi l-UE trid tkun lesta li tassisti lir-Russi fix-xewqa tagħhom li jgħixu f'pajjiż demokratiku;

BA. billi r-rwol tal-UE bħala attur globali u l-kompetenzi tal-politika barranija tal-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jissaħħu;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jirrieżaminaw, flimkien mal-Istati Membri, il-politika tal-UE fil-konfront tar-Russja, inklużi l-ħames prinċipji gwida, u jiżviluppaw strateġija komprensiva tal-UE fil-konfront tar-Russja bbażata fuq il-prinċipji u l-azzjonijiet li ġejjin:

Dissważjoni tat-theddida Russa – respinġiment tat-theddida għas-sigurtà

(a) l-UE trid tirriforma b'mod fundamentali l-politika barranija tagħha biex turi b'mod kredibbli l-ambizzjoni tagħha bħala attur globali influwenti u l-kapaċità tagħha li tieħu deċiżjonijiet u tieħu azzjoni deċiża fil-qasam tal-politika barranija, inkluż billi testendi l-kompetenzi tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u tal-VP/RGħ li jaġixxu f'isem l-UE, tirrevoka l-unanimità fi kwistjonijiet ta' politika barranija u s-saħħaħ il-kapaċitajiet tagħha mil-lat ta' prospettiva strateġika u azzjoni; barra minn hekk, l-UE għandha ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur globali flimkien mal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE biex ir-Russja ma tkunx tista' tkompli l-hekk imsejħa bilateralizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-UE, hekk kif Brussell għandha tkun l-uniku kapital fejn jittieħdu deċiżjonijiet ewlenin dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja;

(b) l-UE, flimkien man-NATO u s-sħab internazzjonali, għandha tkun ta' deterrent għar-Russja biex hekk iżżomm il-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża proprji u billi ssir pressjoni fuq l-awtoritajiet Russi biex ma jinterferixxux fil-Viċinat tal-Lvant u fin-Nofsinhar tal-UE; b'mod partikolari, l-UE għandha titlob – inkluż quddiem l-organizzazzjonijiet tal-UE u dawk internazzjonali bħall-OSKE jew in-NU – li r-Russja timpenja ruħha għas-soluzzjoni tal-kunflitti li għaddejjin bħalissa u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt futur, inizjalment billi tirritorna t-territorji okkupati u annessi illegalment fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant skont il-fruntieri tagħhom li huma rikonoxxuti internazzjonalment u billi tirrispetta l-għażliet demokratiċi tal-pajjiżi tal-UE u dawk Ewro-Atlantiċi;

(c) l-UE, u b'mod partikolari l-Istati Membri tagħha, għandhom jonoraw l-impenji tagħhom dwar id-difiża kollettiva magħmula bħala membri tan-NATO; ifakkar li l-UE u n-NATO jikkondividu sfidi komuni ta' sigurtà, interessi ta' difiża komuni u l-istess ambjent ta' sigurtà li huwa dejjem aktar ta' sfida u li sħubija transatlantika b'saħħitha għas-sigurtà u d-difiża permezz tan-NATO hija għaldaqstant indispensabbli, filwaqt li fl-istess waqt l-UE ssegwi l-perkors lejn awtonomija strateġika; l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tistabbilixxi forza ta' difiża Ewropea ġenwina bħala parti

minn NATO msaħħa biex tkun tista' tikkontribwixxi kapaċitajiet u forzi militari aktar effettivi, skjerabbli, interoperabbli u sostenibbli biex tipproġetta lilha nnifisha bħala attur internazzjonali b'saħħtu u kunfidenti li kapaċi jżomm il-paċi;

(d) l-UE għandha tindirizza l-aħħar Strateġija tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa, li formalment tirrikonoxxi l-orjentament tal-politika barranija Russa kontra l-Punent u tenfasizza l-inkompatibbiltà fundamentali u sistemika tas-sistemi soċjopolitiċi tar-Russja u tal-Punent;

(e) l-UE għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri tagħha biex l-azzjonijiet ostili tar-Russja jiġu esposti, attribwiti u skreditati sistematikament, partikolarment sabiex tkun aktar effettiva fil-prevenzjoni tas-servizzi speċjali Russi milli jwettqu l-operazzjonijiet tagħhom fit-territorju tal-UE, u għandha taħdem aktar mas-sħab strateġiċi tagħha dwar miżuri ġodda biex jiġi miġġieled it-terroriżmu sponsorizzat mill-Kremlin; barra minn hekk, l-UE għandha tinvesti fi proġetti biex issaħħaħ is-sigurtà u l-kapaċitajiet konġunti militari, ċibernetiċi u tal-enerġija tagħha, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-isforzi ta' kontrospjunaġġ tal-Istati Membri;

(f) l-UE għandha tkun lesta tuża l-influwenza tagħha u titlob l-esklużjoni tar-Russja mis-sistema ta' pagament SWIFT bħala deterrent għall-awtoritajiet Russi milli jinvolvu ruħhom f'imġiba aggressiva ulterjuri u għandha tkun lesta li telimina gradwalment l-importazzjonijiet tagħha ta' żejt u gass mir-Russja jekk l-awtoritajiet Russi jkomplu bit-theddid tagħhom kontra l-Istati Membri u l-azzjoni militari kontra l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fil-viċinat;

(g) l-UE trid tipproċedi wkoll bis-sinkronizzazzjoni sħiħa tal-grilji tal-elettriku tal-Istati Membri kollha mal-grilja sinkronika tal-Ewropa kontinentali bħala l-aħjar rispons fit-tul għall-problema tad-dipendenza strateġika tal-Ewropa fuq l-enerġija mir-Russja, u għandha wkoll topponi kwalunkwe espansjoni ġdida tas-settur tal-enerġija nukleari tar-Russja lejn l-UE u tadotta miżuri biex jiġi evitat li fis-suq tal-UE jinbiegħ l-elettriku prodott fl-impjant tal-enerġija nukleari Astravets mibni mir-Rosatom u fi kwalunkwe impjant ieħor proġettat għall-futur, bħall-impjant tal-enerġija nukleari tal-Baltiku (il-Baltiyskaya NPP);

(h) skont il-politika u l-interessi tal-enerġija tal-UE, l-UE għandha tfassal u timplimenta strateġija ċara dwar kif ittemm id-dipendenza tagħha fuq il-gass u ż-żejt u materja prima oħra Russi (b'mod partikolari l-ħadid/l-azzar, l-aluminju u n-nikil) u żżid l-awtonomija enerġetika tagħha, tal-inqas sakemm il-President Putin ikun fil-poter; f'dan ir-rigward, l-UE għandu jkollha aġenda ekoloġika ambizzjuża u determinata u għandu jkollha bħala prijorità ġeopolitika ewlenija l-implimentazzjoni rapida tal-pakkett EGD, li jinkludi miżuri bħat-taxxa tal-UE dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u inizjattivi ta' dekarbonizzazzjoni bl-iżvilupp tal-industriji tal-idroġenu ekoloġiku; l-UE trid ukoll timplimenta minnufih miżuri fiżiċi ġodda, bħal kapaċitajiet ta' fluss fid-direzzjoni opposta u infrastruttura transfruntiera addizzjonali bejn l-Istati Membri; barra minn hekk, l-UE trid tiddiversifika l-provvista tal-enerġija tagħha, inkluż billi tiżviluppa kapaċitajiet ġodda għall-importazzjoni ta' gass naturali likwifikat, l-inizjattivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni, li qegħdin isir aktar popolari u jistgħu jnaqqsu d-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk tintemm id-dominanza tar-Russja fuq l-enerġija fil-kontinent Ewropew; f'dan il-kuntest, il-bini tal-pipeline Nord Stream 2, li jmur kontra s-solidarjetà Ewropea u jirriskja li jżid id-dominanza tar-Russja u d-dipendenza tal-UE fuq il-gass Russu u jesponi lill-Ukrajna għall-malizja Russa, għandu jitwaqqaf immedjatament u m'għandux jintuża fiċ-ċirkostanzi attwali anke jekk il-kostruzzjoni tiegħu titlesta;

(i) l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaċċeleraw l-implimentazzjoni tal-EGD meta jitqies li l-istrateġija tal-enerġija l-aktar reċenti tar-Russja għall-2035 tipprevedi żieda fil-kapaċità ta' esportazzjoni tal-gass permezz ta' pipelines lejn il-Punent;

Rispons għat-theddida attwali Russa – il-ġlieda kontra ndħil Russu fl-UE u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant

(j) l-UE għandha tkompli tiddefendi l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant skont il-fruntieri tagħhom li huma rikonoxxuti internazzjonalment u tikkundanna l-involviment dirett u indirett tar-Russja f'kunflitti armati u akkumulazzjonijiet militari fil-fruntieri tar-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant jew fil-fruntieri tiegħu, l-okkupazzjoni u l-annessjoni illegali tal-Krimea min-naħa tagħha u l-okkupazzjoni *de facto* ta' ċerti partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk, u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali li hija twettaq fit-territorji okkupati jew annessi minnha, bħalma wrew l-arresti reċenti tal-ewwel Viċi President tal-Mejlis Tatari tal-Krimea, Nariman Celâl, u ta' erba' mexxejja Tatari tal-Krimea oħrajn: Aziz and Asan Akhtemov, Shevket Useinov u Eldar Odamanov; l-UE għandha tagħmilha ċara li r-ritorn għal "żamma tal-*istatus quo*" ma jistax jitqies sakemm

ir-Russja ma twaqqafx il-politika aggressiva tagħha u l-gwerra ibrida kontra l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u tiġi restawrata l-integrità territorjali tal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna skont il-fruntieri tagħhom li huma rikonoxxuti internazzjonalment; l-UE għandha għaldaqstant tiżgura li s-sanzjonijiet jibqgħu fis-seħħ sakemm ir-Russja tissodisfa l-kundizzjonijiet rispettivi għat-tneħħija tagħhom u għandha wkoll tikkunsidra testendihom għal perjodu ta' sena, minflok sitt xhur kif inhu l-każ bħalissa;

(k) l-UE għandha tkompli tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-format ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Krimea, bil-għan li tintemm b'mod paċifiku l-okkupazzjoni temporanja tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta Sevastopol min-naħa tal-Federazzjoni Russa u jiġi rikostitwit il-kontroll tal-Ukrajna fuq it-territorju, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali;

(l) l-UE għandha tirrikonoxxi l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-pajjiżi fil-viċinat u tirrifjuta l-politika tar-Russja ta' sfera ta' influwenza; barra minn hekk, l-UE għandha tagħraf li għandha responsabbiltà strateġika għall-istabbiltà u l-iżvilupp fil-viċinat tagħha, speċjalment fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, u għandha tibqa' tesiġi li r-Russja tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-Proċess tan-Normandija u timplimenta l-obbligi internazzjonali tagħha, b'mod partikolari skont il-ftehimiet ta' Minsk u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar; l-UE għandha tkompli l-involviment tagħha, inkluż permezz tal-Istati Membri rilevanti tal-UE involuti fil-Format tan-Normandija, fl-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk u tesplora l-possibbiltajiet għal kooperazzjoni transatlantika dwar din il-kwistjoni; l-UE għandha tkabbar ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet tagħha biex tkopri l-"għoti furzat ta' passaporti" u l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet illegali fil-Krimea u biex iżżid il-konsegwenzi għar-Russja talli timblokka l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk u t-taħditiet tal-Format tan-Normandija; l-UE għandha tikkoordina dawn il-miżuri mal-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Kanada, il-Ġappun u sħab oħra biex tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew iżżid l-effikaċja tagħhom;

(m) barra minn hekk, l-UE għandha tieħu miżuri b'saħħithom li jkunu ta' deterrent għar-Russja milli tevita s-sanzjonijiet eżistenti tal-UE; għal dan il-għan, l-UE għandha tirrieżamina u taġġorna r-regolamenti applikabbli tagħha biex tneħħi diversi diskrepanzi biex is-sanzjonijiet ikunu aktar effiċjenti u b'hekk ir-Russja tħallas prezz ġenwinament ogħla għall-azzjoni ibrida aggressiva tagħha;

(n) l-UE jeħtieġ tagħmel pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa biex tissodisfa inkondizzjonatament id-dispożizzjonijiet kollha tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied li ntlaħaq bil-medjazzjoni tal-UE fit-12 ta' Awwissu 2008, b'mod partikolari l-impenn li tirtira l-forzi militari kollha tagħha mit-territorji okkupati tal-Georgia;

(o) biex trażżan l-attitudni reviżjonista tal-President Putin lejn il-viċinat tiegħu, bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet, l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant flimkien mal-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tagħhom, u biex tintensifika l-ħidma tagħha lejn ir-*rapprochement* ta' dawn il-pajjiżi mal-UE, l-UE għandha tipproponi strateġija ġdida ċara għal impenn fit-tul mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

(p) is-solidarjetà tal-UE mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għandha tkun immirata lejn it-tisħiħ tal-fiduċja fl-UE bħala sieħeb affidabbli dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, pereżempju b'involviment akbar fir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti; l-UE għandha tiżgura li d-dimensjoni tas-sigurtà tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant tkun riflessa b'mod xieraq anke fil-Boxxla Strateġika tal-UE u għandha tikkunsidra wkoll it-tnedija ta' sensiela ta' patti dwar is-sigurtà – oqfsa għal aktar investiment u assistenza fis-sigurtà, il-militar, l-intelligence u l-kooperazzjoni ċibernetika – ma' pajjiżi speċifiċi fil-viċinat tal-UE, bħall-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom; l-UE m'għandhiex tara l-koordinazzjoni tas-sigurtà ma' dawn il-pajjiżi mill-perspettiva tat-tkabbir tan-NATO biss, iżda għandha tkun ambizzjuża meta tivvaluta l-isfidi tas-sigurtà fuq il-post u, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, tikkunsidra li tipprovdi tagħmir difensiv lill-pajjiżi ħbieb tas-Sħubija tal-Lvant, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU; l-UE għandha ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ħbieb tas-Sħubija tal-Lvant permezz tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u f'oqsma bħall-informazzjoni u r-reżiljenza ċibernetika u l-kondiviżjoni tal-intelligence, u għandha tintensifika l-eżerċizzji militari konġunti;

(q) l-UE għandha tikkollabora man-NATO u tingrana u tespandi l-impenji attwali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed u tkompli tikkollabora speċifikament mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant permezz ta' approċċ soċjetali olistiku sabiex jiġi żgurat reġjun tal-Baħar l-Iswed sigur u stabbli;

(r) l-UE għandha wkoll tkun imħassba dwar ir-rwol li qed jiżvolġi l-Kremlin fil-Balkani tal-Punent, li jinkludi d-diżinformazzjoni appoġġjata mill-istat u l-bini ta' rabtiet politiċi u militari mal-elit politiku reġjonali; l-UE għandha tkun konxja li l-indħil tal-Kremlin fl-elezzjonijiet u l-appoġġ tiegħu għall-forzi antidemokratiċi fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent għadu problema, partikolarment fil-pajjiżi li huma wkoll membri tan-NATO;

(s) l-UE trid tirrispondi wkoll għall-fatt li l-President Putin jappoġġja b'mod miftuħ ir-reġim tas-Sur Lukashenko u r-repressjonijiet brutali tiegħu kontra l-poplu tal-Belarussja u jikkollabora mas-Sur Lukashenko fuq attakki ibridi kontra l-forzi demokratiċi Belarussi; għaldaqstant l-UE trid tirrikonoxxi li b'dan il-mod il-Kremlin qed joħloq theddida diretta għall-isforzi ta' sovranità u demokrazija tal-Belarussja, u trid tagħmilha ċara li, jekk ir-Russja tkompli bil-politika attwali tagħha dwar il-Belarussja, l-UE se jkollha tintroduċi miżuri addizzjonali ta' trażżin u deterrent ħorox, għax meta tiddefendi d-demokrazija fil-Belarussja, l-UE tkun qed tappoġġja d-demokrazija fir-Russja wkoll; l-UE għandha tesponi l-involviment tar-Russja fl-azzjonijiet ibridi tar-reġim ta' Lukashenko kontra l-UE, inkluż l-użu tal-migranti bħala għodda biex jiġi destabbilizzat il-Punent, u żżomm lill-Kremlin responsabbli għal dawn l-azzjonijiet ostili u barbariċi;

(t) l-UE trid tnaddaf darha stess mill-indħil ibridu u l-prattiki ta' ħasil tal-flus tal-Kremlin, li qed ikollhom impatt fuq l-elit politiku u kummerċjali tal-UE, jekk trid tkun effettiva fl-għajnuna li tagħti lill-poplu Russu fi triqtu lejn id-demokrazija;

(u) l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħmluha ċara li mhumiex se jaċċettaw kwalunkwe tentattiv biex il-Belarussja tiġi inkorporata fir-Russja, għax dan ikun kontra r-rieda tal-poplu Belarussu u nnegozjat minn mexxej illeġittimu;

(v) jinnota li għadd dejjem akbar ta' atturi internazzjonali, fosthom ir-Russja, qed jimplimentaw strateġiji ta' gwerra ibrida, inkluż kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha; jissottolinja li dawn l-atti huma ta' natura partikolarment destabbilizzanti u perikoluża billi jagħmlu d-distinzjoni bejn il-gwerra u l-paċi inqas ċara, jiddestabbilizzaw id-demokraziji u jiżirgħu dubji fl-imħuħ tal-popolazzjonijiet fil-mira; għalhekk, f'koordinazzjoni man-NATO u s-Sħab tagħha – inklużi l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, li għandhom esperjenza u għarfien uniċi f'dan ir-rigward – l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom isaħħu l-monitoraġġ u l-analiżi tal-attivitajiet tal-gwerra ibrida Russi (inklużi kampanji manipulattivi ta' diżinformazzjoni, attakki ċibernetiċi, spjunaġġ u ndħil fl-elezzjonijiet); b'mod partikolari, għandhom jiżguraw b'urġenza li jiġu mobilizzati biżżejjed riżorsi, persunal u strumenti li kapaċi jidentifikaw, janalizzaw, jipprevjenu, jiġġieldu u jeliminaw it-theddid u l-indħil ibridu tar-Russja; dan ta' hawn fuq huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-tentattivi biex jiġi mminat il-proġett Ewropew, tiżdied il-polarizzazzjoni u tinżera' l-firda fis-soċjetajiet demokratiċi permezz tad-diżinformazzjoni, kif ukoll biex jingħataw appoġġ u finanzjament lil partiti, movimenti u NGOs antidemokratiċi, populisti, estremisti u fil-biċċa l-kbira tal-lemin estrem jew tax-xellug radikali, jew forzi separatisti politiċi fl-Ewropa kollha, inkluż fiċ-ċiberspazju u permezz tal-midja soċjali u mezzi tax-xandir bħal Russia Today u Sputnik; il-partiti politiċi fl-UE li japprofittaw volontarjament minn riżorsi finanzjarji pprovduti mill-Federazzjoni Russa bi skambju għal appoġġ politiku u tipi oħra ta' appoġġ offrut mill-Parlament u minn organizzazzjonijiet oħra għall-politiki u l-għanijiet Russi għad-detriment tal-interessi u l-valuri tal-UE jġorru responsabbiltà morali u politika;

(w) f'dan ir-rigward, l-UE għandha tfassal strateġija ta' konteniment koordinata u olistika, li tinkludi miżuri biex tipproteġi l-panorama medjatika tagħha u tissorvelja sistematikament il-kontenut offrut mill-midja u l-forniturі tal-internet Russi u affiljati mar-Russja (sew bir-Russu u sew b'lingwi oħra), mingħajr ma jiġu ristretti l-libertajiet tal-istampa; bħala parti mill-istrateġija tagħha, l-UE għandha ssemma' leħinha kull darba li r-Russja twettaq attakki ibridi kontra l-UE u l-Istati Membri, iżżid ir-reżiljenza għaċ-ċiberattakki u tespandi l-kapaċitajiet tat-Task Force East StratCom, billi hemm bżonn kopertura tad-diżinformazzjoni fl-ispazju tal-UE wkoll; l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jimplimentaw risposti aktar kuraġġużi, koordinati u proporzjonati biex jiġġieldu attakki bħal dawn, pereżempju billi jkeċċu diplomatiċi Russi fil-livell tal-UE b'risposta għat-tkeċċija ta' diplomatiċi ta' Stati Membri individwali min-naħa tal-awtoritajiet Russi;

(x) fl-aħħar nett, l-UE għandha tiżgura li l-proposti futuri tal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew dwar l-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni, jiġu implimentati malajr;

Impenn u djalogu selettiv mal-Kremlin biex titħejja t-tranżizzjoni tar-Russja, inkluża kooperazzjoni settorjali

(y) fl-impenn tagħha mar-Russja, l-UE għandha timxi f'żewġ direzzjonijiet: fuq naħa waħda, djalogu selettiv kondizzjonali mal-awtoritajiet tal-Kremlin u l-gvernijiet reġjonali, u min-naħa l-oħra impenn strateġiku mas-soċjetà ċivili Russa, li qed tissielet għad-demokrazija fir-Russja, kif ukoll kooperazzjoni indipendenti mal-atturi reġjonali u lokali; l-istrateġija tal-UE lejn ir-Russja m'għandhiex tipprekludi impenn mal-awtoritajiet meta dan ikun fl-interess tal-UE u ma jimminax l-impenji tal-UE favur l-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, billi għadu importanti li l-UE ssib modi biex tnaqqas it-tensjonijiet attwali billi tidentifika miżuri biex tiżdied it-trasparenza u jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' komprensjoni u kalkoli ħżiena;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

(z) b'mod partikolari, l-UE għandha tkompli l-kooperazzjoni istituzzjonali mar-Russja permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u trattati multilaterali bħan-NU, l-OSKE, il-Kunsill tal-Artiku jew il-Kunsill tal-Ewropa sabiex tindirizza kwistjonijiet reġjonali u globali urġenti, timpenja ruħha dwar il-kwistjoni tal-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u tippromwovi interessi komplementari jew komuni, pereżempju dwar kwistjonijiet ambjentali u t-trasformazzjoni ekoloġika kemm tar-Russja kif ukoll tal-UE, it-Trattat dwar is-Sema Miftuħ, id-diżarm nukleari, it-tnaqqis u l-kontroll tal-armi, kwistjonijiet relatati mal-Artiku u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (il-Ftehim Nukleari mal-Iran) u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, il-Libja u l-Afganistan; l-UE għandha tuża l-impenn selettiv tagħha mar-Russja fuq kwistjonijiet reġjonali u globali biex tankraha fermament fil-kooperazzjoni multilaterali u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u b'hekk tiskoraġġiha milli thedded is-sigurtà u l-prosperità, inkluż fl-UE u fil-viċinat tal-Ewropa; b'mod aktar speċifiku, l-UE għandha tuża l-EGD u l-objettivi klimatiċi tagħha biex taħdem mar-Russja lejn it-tranżizzjoni ekoloġika tagħha, partikolarment sabiex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni, jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 tar-Russja (li għadhom qed jiżdiedu minkejja r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi), tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u jikber l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li fir-Russja hemm potenzjal enormi għalihom; l-UE tista' tgħin ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima, li qed tinfirex bil-mod ħafna fir-Russja;

(aa) l-UE, l-Istati Membri tagħha u r-Russja għandhom iżommu rekord tajjeb ta' kooperazzjoni fl-Artiku fil-kuntest tal-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana billi huwa ta' importanza kbira li jkomplu jikkooperaw b'mod kostruttiv fil-ġlieda kontra l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima fl-Artiku u jiġi evitat li r-reġjun isir suġġett ieħor ta' tensjonijiet militari;

(ab) madankollu, il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi m'għandhiex twassal għal xi konċessjonijiet fir-rigward tal-valuri, u l-UE qatt m'għandha tinjora l-implikazzjonijiet ġeostrateġiċi u l-interessi tas-sħab tagħha; fil-fatt, l-UE għandha tiżgura li kwalunkwe impenn ulterjuri mal-Kremlin ikun marbut mal-wegħda ta' dan tal-aħħar li jtemm l-aggressjoni domestika tiegħu kontra l-poplu tiegħu stess, iwaqqaf ir-repressjonijiet sistemiċi tal-oppożizzjoni u l-intimidazzjoni u t-tortura ta' priġunieri politiċi, iħassar jew jemenda l-liġijiet kollha li huma inkompatibbli mal-istandards internazzjonali, bħal dawk dwar l-"aġenti barranin" u l-hekk imsejħa organizzazzjonijiet estremisti jew mhux mixtieqa, iwaqqaf ir-repressjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, partikolarment dawk li jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, u jtemm l-aggressjoni esterna tiegħu fil-konfront tal-pajjiżi ġirien; f'dan il-kuntest, l-UE għandha wkoll tfakkar lir-Russja li d-detenzjoni ta' avversarji politiċi tmur kontra l-impenji internazzjonali tagħha u tinsisti li l-ġudikatura tiġi depolitiċizzata u li jiġu żgurati d-dritt għal proċess ġust u l-aċċess għal konsulenza legali; fi kliem ieħor, fit-tentattiv li tikkollabora mal-Kremlin, l-UE jrid ikollha linji ħomor definiti b'mod ċar, inkluż ir-rispett sħiħ għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi sħab, u trid tevita li tikkoopera mar-Russja sempliċiment biex iżżomm il-kanali ta' djalogu miftuħa; l-UE m'għandhiex taspira għal xi ftehim ta' barra minn hawn mal-Kremlin jekk dan ikun irid libertà sħiħa fil-kamp domestiku u fiż-żona fejn dikjaratament għandu interessi privileġġjati (l-Ukrajna, il-Belarussja, eċċ.); l-UE għandha tagħmilha assolutament ċara li mhix se tissagrifika l-interessi ta' pajjiżi oħra għal relazzjonijiet aħjar ma' Moska;

(ac) barra minn hekk, l-UE għandha tħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa tindirizza b'urġenza l-mistoqsijiet imqajma mill-komunità internazzjonali u tipprovdi lill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi divulgazzjoni immedjata, eżawrjenti u kompluta dwar il-programm Novichok tagħha; l-UE għandha tikkundanna wkoll ir-rwol tar-Russja fit-twaqqigħ tal-ajruplan tat-titjira MH17 fl-2014 u tistieden lill-Federazzjoni Russa tikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni dwar delitti, inċidenti u traġedji internazzjonali kbar, bħat-twaqqigħ tal-ajruplan tat-titjira MH17 tal-Malaysia Airlines, kif ukoll inċidenti reċenti oħra li kienu jinvolvu s-servizzi tal-intelligence Russi fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, inkluża l-Belarussja;

(ad) l-UE għandha ttenni l-appell tagħha lill-awtoritajiet Russi, bħalma sar f'diversi okkażjonijiet, biex jirritornaw il-fdalijiet u l-kaxxi suwed tal-ajruplan Tu-154 tal-Gvern Pollakk lejn il-Polonja, li kkraxxja qrib Smolensk f'April 2010;

Impenn favur id-demokrazija – respinġiment b'sanzjonijiet, kontrolli finanzjarji u investigazzjonijiet internazzjonali

(ae) l-UE għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Uniti u ma' sħab oħra tal-istess fehma u twaqqaf alleanza biex tiddefendi d-demokrazija fuq livell globali u tipproponi sett ta' strumenti għad-difiża tad-demokrazija, li għandhom jinkludu azzjonijiet konġunti rigward sanzjonijiet, politiki dwar il-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti, regoli dwar il-kundizzjonalità tal-assistenza ekonomika u finanzjarja, investigazzjonijiet internazzjonali u aġenda ambizzjuża b'appoġġ għal-libertà u d-demokrazija, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri tad-demokrazija; barra minn hekk, l-aġenda tal-UE għandha tikkontrobilanċja l-isforzi tar-Russja u taċ-Ċina biex idgħajfu d-demokrazija madwar id-dinja u jiddestabbilizzaw l-ordni Ewropew;

(af) l-UE għandha tistabbilixxi qafas ċentralizzat għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti, tkompli ssaħħaħ il-qafas tagħha kontra l-ħasil tal-flus u tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tiegħu, tiffaċilita aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u twaqqaf awtorità tal-UE għall-kontrolli finanzjarji biex ittejjeb il-protezzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha minn indħil u prattiki finanzjarji illeċiti – mir-Russja u minn reġimi awtoritarji oħra – li qed jintużaw għal finijiet politiċi sovversivi u għalhekk jikkostitwixxu theddida għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Ewropa;

(ag) b'mod partikolari, l-UE trid tikkunsidra li telenka r-Russja ma' pajjiżi terzi b'riskju għoli ta' ħasil tal-flus, li għandu jkun strumentali biex l-UE jkollha kontroll aktar b'saħħtu tal-flussi finanzjarji suspettużi kollha li joriġinaw mir-reġim Russu u minn dawk sponsorizzati minnu; barra minn hekk, l-UE għandha ssaħħaħ ukoll is-sistema bankarja tagħha u tistabbilixxi qafas regolatorju għall-ġlieda kontra l-indħil finanzjarju Russu fil-proċessi demokratiċi tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż bl-istrateġija tagħha ta' "elite capture" u t-teknika li tikkooptja impjegati taċ-ċivil superjuri u ex politiċi Ewropej; qafas bħal dan għandu jżid it-trasparenza tal-fondi tal-elit Russu ddepożitati jew minfuqa fl-UE u jgħin f'termini ta' reazzjoni u prevenzjoni għall-finanzjament ta' partiti, movimenti u kampanji politiċi, kif ukoll investimenti f'infrastruttura u korpi strateġiċi – inklużi universitajiet u gruppi ta' riflessjoni politiċi – min-naħa ta' atturi Russi, li jirriskjaw li joħolqu jew isaħħu d-dipendenza ta' ċerti setturi ekonomiċi fuq ir-Russja u jistgħu jservu bħala punti ta' dħul għall-ispjunaġġ u theddid għas-sigurtà min-naħa tar-Russja; f'dan ir-rigward, l-UE għandha wkoll tippenalizza l-assi Russi użati direttament u indirettament biex isir indħil fil-proċessi demokratiċi tagħha, kif ukoll dawk tal-Istati Membri u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; b'mod parallel, il-gvernijiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jagħmlu inkjesti dwar il-patrimonju moħbi tal-mexxejja u l-oligarki Russi ewlenin u jippubbliċizzaw dawk iċ-ċifri;

(ah) l-UE għandha toħloq mezzi legali effettivi biex tiġġieled il-korruzzjoni transfruntiera u l-ħasil tal-flus relatat malajr kemm jista' jkun, speċjalment meta dawn ikollhom x'jaqsmu ma' korruzzjoni u prattiki ta' finanzjament illegali mir-Russja, u tapplika l-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna b'mod aktar estensiv biex tittratta b'mod effettiv il-kleptokrazija tal-Kremlin; f'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-NGOs Russi m'għandhomx jiġu sistematikament imċaħħda mill-awtoritajiet Russi mill-mezzi biex jiġġieldu l-korruzzjoni; barra minn hekk, l-UE għandha tibni l-kapaċità biex tesponi u twaqqaf il-flussi ta' flus maħmuġin mir-Russja u tesponi t-teżori moħbija u l-assi finanzjarji tal-awtokratiċi tar-reġim Russu u l-oligarki korrotti fl-Istati Membri; l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jirrappurtaw perjodikament dwar dawn il-każijiet waqt seduti ta' smigħ semestrali fil-Parlament dwar l-istat tad-demokrazija fir-Russja; dawn ir-rapporti għandhom jinkludu l-ismijiet tal-aktar elementi importanti min-nies ta' madwar il-President Putin;

(ai) l-UE, fil-ġlieda biex twaqqaf il-flussi illeċiti ta' flus mir-Russja, għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-flussi finanzjarji mill-Belarussja, billi l-awtokratiċi u l-oligarki korrotti huma interkonnessi; ir-rapporti speċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE lill-Parlament għandhom jindirizzaw il-kwistjoni tal-indħil finanzjarju tar-Russja fil-Belarussja, inkluż f'setturi strateġiċi, u jinkludu informazzjoni dwar l-assi tan-nies ta' madwar Aliaksandr Lukashenko u l-oligarki korrotti;

(aj) l-UE għandha tindirizza l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u t-tentattivi tar-Russja li tindaħal fil-proċessi demokratiċi fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri tagħha billi teżamina u timplimenta l-istrumenti neċessarji biex topponihom u tindirizzahom;

(ak) bi qbil mal-prinċipju "id-demokrazija l-ewwel u qabel kollox", l-UE għandha ssaħħaħ ir-rekwiżit tal-kundizzjonalità fir-relazzjonijiet tagħha mar-Russja billi tidħol fi djalogu jew ftehim mar-Russja dwar miżuri għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-midja u l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi bħala rekwiżit aktar b'saħħtu għad-djalogu; l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrevedu wkoll il-proġetti tagħhom fl-ambitu tal-appoġġ għall-investiment u l-kooperazzjoni ekonomika (bħal Nord Stream 2 u l-impjanti tal-enerġija nukleari mibnija minn Rosatom), u għandhom iżidu l-isforzi biex irażżnu l-investimenti strateġiċi tal-Kremlin, li sikwit joriġinaw fl-Istati Membri permezz tal-flussi finanzjarji ta' oligarki u kumpaniji Russi mwaqqfa biex jiffinanzjaw l-indħil malinn tar-Russja u t-tixrid tal-korruzzjoni fl-UE; f'dan ir-rigward, l-UE għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-istituzzjoni legali taċ-ċittadinanza doppja u tinsisti li l-Bulgarija u Malta jabbandunaw l-iskemi ta' "passaporti tad-deheb" rispettivi tagħhom; barra minn hekk, l-UE m'għandhiex timplimenta proġetti tranżazzjonali jew kummerċjali mingħajr diliġenza politika dovuta minn qabel fir-rigward tat-trasparenza, il-korruzzjoni u l-implikazzjonijiet politiċi, għax tali proġetti m'għandhomx jipperikolaw is-solidarjetà fost l-Istati Membri jew mal-ġirien tal-UE, m'għandhomx ikunu ta' benefiċċju għas-sistemi ta' korruzzjoni la fir-Russja u lanqas fl-UE, u m'għandux ikollhom impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem jew l-ambjent;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

(al) fl-istess ħin, l-UE għandha tapplika wkoll il-prinċipju ta' "id-demokrazija l-ewwel u qabel kollox" fir-rivalutazzjoni tal-programmi ta' appoġġ finanzjarju u l-investimenti fir-Russja, li fost miżuri oħra għandha tinkludi reviżjoni tal-mandati ta' self tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE; fl-istess spirtu, l-UE għandha tevalwa l-kooperazzjoni tagħha mar-Russja f'diversi formati ta' politika barranija u teżamina l-konformità tar-Russja mal-impenji tagħha quddiem il-Kunsill tal-Ewropa;

(am) l-UE għandha toħloq mezzi ġodda biex tkun aktar effettiva meta titlob il-ħelsien ta' priġunieri politiċi; l-UE għandha tesiġi li l-awtoritajiet Russi jeħilsu lil dawk kollha li ntbagħtu l-ħabs inġustament għal raġunijiet politiċi, fosthom Alexei Navalny, Alexei Pichugin, Yuri Dmitriev u dawk kollha indikati mill-Memorial Human Rights Centre bħala "priġunieri politiċi" skont il-kriterji stabbiliti mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fir-Riżoluzzjoni 1900/2012; l-UE għandha tuża kull opportunità biex tressaq dan il-ksur u ksur ieħor fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni għall-attenzjoni tal-awtoritajiet Russi, partikolarment fir-rigward tal-fastidju, il-prosekuzzjoni u l-attakki fiżiċi fil-konfront ta' attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja; l-UE għandha tesiġi bil-qawwa li dan il-ksur jieqaf u jiġi investigat, u tħeġġeġ lir-Russja żżomm responsabbli lil min ikun wettqu;

(an) l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ jirrappurtaw lura regolarment fis-seduti ta' smigħ tal-Parlament dwar is-sitwazzjoni tal-priġunieri politiċi fir-Russja, jibnu kuntatti mill-qrib mad-dissidenti, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-mezzi tax-xandir indipendenti Russi – filwaqt li jżidulhom l-appoġġ finanzjarju – u jkunu kontinwament konxji mill-ismijiet u l-kundizzjonijiet tal-attivisti politiċi miżmuma l-ħabs fir-Russja; barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jippermettu jew jiffaċilitaw deportazzjonijiet u estradizzjonijiet ta' avversarji politiċi u persuni li jfittxuażil lejn ir-Russja, fejn ħajjithom jew l-integrità fiżika tagħhom tkun fil-periklu; barra minn hekk, l-UE għandha, meta jkun xieraq, tiffaċilita l-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza u tipprovdi kenn temporanju fl-Istati Membri tagħha;

(ao) barra minn hekk, l-UE għandha tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-kawżi ġudizzjarji tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-politiċi tal-oppożizzjoni u l-attivisti mid-Delegazzjoni tal-UE għar-Russja u l-ambaxxati tal-Istati Membri; l-UE għandha wkoll tespandi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem u tapplikah għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fit-territorji kollha affettwati minn kunflitti ffriżati jew f'reġjuni okkupati illegalment fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; b'mod parallel, l-UE għandha timplimenta l-impenn tagħha favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjoni esterna kollha u għandha tappoġġja d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluż billi tiġġieled il-vjolenza sessista, ir-razziżmu, il-ksenofobija, ir-reati ta' mibegħda, il-brutalità tal-pulizija u forom oħra ta' diskriminazzjoni u billi tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTI+ u d-drittijiet tal-minoranzi fir-Russja; l-UE għandha, kull fejn ikun possibbli, tgħin lir-residenti oppressi fir-Russja, speċjalment dawk li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni abbażi tal-età, ir-reliġjon, ir-razza, l-etniċità, il-grupp lingwistiku jew soċjali, l-orjentazzjoni sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess jew kwalunkwe bażi oħra; l-UE għandha wkoll timpenja ruħha mar-Russja dwar it-trattament tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, ir-rappreżentanza tan-nisa fil-politika u fl-amministrazzjoni pubblika, l-opportunitajiet tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi fir-Russja; l-UE għandha tkompli tikkundanna l-persekuzzjoni, id-detenzjoni arbitrarja u t-tortura ta' persuni LGBTI+ f'ħafna partijiet tal-Federazzjoni Russa, tenfasizza l-ħtieġa kontinwa ta' investigazzjonijiet u tappella għall-ħelsien immedjat tal-priġunieri kollha f'sitwazzjonijiet bħal dawn, partikolarment fiċ-Ċeċenja; l-UE għandha wkoll tagħmel enfasi fuq l-użu kontinwu tal-projbizzjoni tal-"propaganda omosesswali" min-naħa tal-Gvern Russu biex jiġġustifika prosekuzzjonijiet kriminali; l-UE għandha, bl-appoġġ tal-Istati Membri, tissimplifika l-proċeduri ta' talba għall-ażil għal tali vittmi f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE;

(ap) l-UE għandha żżid il-kapaċità tagħha li tħejji u tadotta sanzjonijiet kontra l-awtoritajiet Russi, l-oligarki Russi, l-akkolti tal-President Putin u l-membri tal-familji tagħhom għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni sistemika tal-forzi demokratiċi, il-minoranzi u l-gruppi reliġjużi u LGBTI+ fir-Russja; għal dan il-għan għandha tiċċentralizza l-proċess deċiżjonali tagħha billi tirrendi l-adozzjoni ta' sanzjonijiet awtomatika f'każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tikkunsidra l-introduzzjoni ta' regola ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill għal abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem; l-UE għandha wkoll tadotta b'urġenza reġim ta' sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE, possibbilment fuq l-eżempju tar-Reġim ta' Sanzjonijiet Globali kontra l-Korruzzjoni tar-Renju Unit, sabiex tikkomplementa r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem u, fil-każ ta' eskalazzjoni ulterjuri, għandha tikkunsidra wkoll sanzjonijiet immirati lejn il-finanzjament tas-servizzi tal-intelligence u l-militar, kif ukoll is-settur taż-żejt u l-gass; jekk jiġri hekk, l-UE għandha tħejji mekkaniżmu ta' sanzjonijiet ġdid li jipprevedi li l-kontinwazzjoni ta' atti ostili mwettqa mill-Federazzjoni Russa twassal għal tnaqqis fl-importazzjonijiet tal-enerġija minn fornituri bbażati fir-Russja fil-livell tal-UE b'ċertu perċentwal filwaqt li l-Istati Membri jiġu megħjuna jpattu għan-nuqqas permezz ta' miżuri konsistenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza li t-tnaqqis għandu jiżdied awtomatikament bl-istess perċentwal fuq bażi annwali sakemm il-Federazzjoni Russa treġġa' lura l-atti ostili tagħha;

(aq) l-UE għandha tikkonsulta mal-NGOs biex tiġbor informazzjoni utli għall-politika tagħha dwar is-sanzjonijiet sabiex dawn l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jgħinuha fit-tħejjija u fl-investigazzjoni ta' każijiet b'mod komprensiv; jirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni fil-counter-intelligence u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni mingħajr dewmien bil-għan li n-networks klandestini tar-Russja fl-UE jiġu esposti u mrażżna;

(ar) l-UE għandha tagħti bidu u tikkontribwixxi għal investigazzjonijiet internazzjonali dwar reati mwettqa mir-reġim tal-President Putin fil-konfront tal-poplu Russu flimkien ma' dawk imwettqa mir-reġim ta' Lukashenko fil-Belarussja, permezz ta' pjattaforma għall-ġlieda kontra l-impunità u ċentru tal-ġustizzja fil-livell tal-UE; fil-kuntest ta' tali investigazzjonijiet, l-UE għandha tistabbilixxi task force ta' konsulenti biex jgħinu fl-investigazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, fil-proċessi ġudizzjarji u fil-kostituzzjoni ta' tribunali tal-UE, u jirrappurtaw lura perjodikament għand il-Parlament dwar l-istat tal-libertà politika fir-Russja;

(as) barra minn hekk, l-UE għandha tħeġġeġ u tappoġġja l-isforzi f'ġuriżdizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali biex jinbdew proċedimenti kriminali biex il-gruppi militari u paramilitari Russi jinżammu responsabbli għal ksur u reati, inklużi delitti tal-gwerra, imwettqa kontra persuni ċivili waqt operazzjonijiet f'diversi pajjiżi, bħas-Sirja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-Libja;

(at) l-UE għandha titlob ukoll investigazzjoni indipendenti u imparzjali dwar il-qtil tal-mexxej tal-oppożizzjoni Boris Nemtsov u tressaq lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE u tal-Kunsill tal-Ewropa;

(au) barra minn hekk, l-UE għandha tikkundanna bl-aktar mod qawwi sanzjonijiet mhux ġustifikati kontra uffiċjali tal-UE u tistieden lill-awtoritajiet Russi jirtirawhom mingħajr dewmien;

(av) l-UE trid tkun lesta ma tirrikonoxxix lill-Parlament tar-Russja u tikkunsidra li titlob is-sospensjoni tar-Russja mill-organizzazzjonijiet internazzjonali b'assemblej parlamentari, partikolarment l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, jekk l-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 fir-Russja jiġu rikonoxxuti bħala frawdolenti u li saru bi ksur tal-prinċipji demokratiċi u d-dritt internazzjonali; barra minn hekk, l-UE għandha tikkundanna kwalunkwe tentattiv mill-President Putin biex jibqa' fil-kariga lil hinn mit-tmiem tal-mandat presidenzjali attwali u finali tiegħu fis-7 ta' Mejju 2024 abbażi tal-emendi kostituzzjonali tal-2020, li f'għajnejn il-Parlament kienu "ppromulgati illegalment";

(aw) l-UE għandha tistieden lill-Gvern Russu u lid-Duma tal-Istat jirrevedu l-qafas legali għall-elezzjonijiet, inkluż dwar l-osservazzjoni elettorali, sabiex jiffaċilitaw il-pluraliżmu u l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti skont standards internazzjonali u joħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kandidati tal-oppożizzjoni;

(ax) fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jimpedixxu liċ-ċittadini tagħhom milli jaġixxu bħala osservaturi internazzjonali waqt l-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 fil-Krimea okkupata, li qed jiġu organizzati illegalment mir-Russja; f'dan il-kuntest, il-Parlament u l-parlamenti nazzjonali għandhom jevitaw u jintroduċu sanzjonijiet għal kull attività li tista' tiġi ddikjarata żlealment li tikkostitwixxi osservazzjoni internazzjonali; barra minn hekk, l-UE għandha tikkundanna u tirrifjuta li tirrikonoxxi l-organizzazzjoni illegali ta' dawn l-elezzjonijiet u elezzjonijiet oħra min-naħa tar-Russja fil-Krimea okkupata, kif ukoll fiż-żoni okkupati tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk;

Impenn favur id-demokrazija – appoġġ għal soċjetà favur id-demokrazija fir-Russja

(ay) l-UE għandha tesprimi l-volontà tagħha li ttejjeb ir-relazzjonijiet tagħha mal-poplu tal-Federazzjoni Russa permezz tal-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' "Indirizz lill-poplu Russu";

(az) l-UE għandha tqis l-iżviluppi differenti li jista' jkun hemm fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja kif ukoll fir-Russja stess; b'mod partikolari, l-UE għandu jkollha viżjoni u strateġija dwar il-futur tar-relazzjonijiet tal-UE ma' Russja ħielsa, prospera, paċifika u demokratika, li tkun impenjata bis-sħiħ favur il-liġi internazzjonali, l-obbligi internazzjonali tagħha u l-prinċipji ta' relazzjonijiet tajbin mal-ġirien; strateġija bħal din għandha tinkludi offerta wiesgħa b'kundizzjonijiet u inċentivi bħal-liberalizzazzjoni tal-viża, l-investiment fil-kummerċ ħieles u l-programmi ta' modernizzazzjoni, u sħubija strateġika li jkollha l-għan, fost affarijiet oħra, li tiżgura l-istabbiltà tal-kontinent u r-rispett sħiħ tal-fruntieri internazzjonali tiegħu; l-UE għandha wkoll twassal il-benefiċċji potenzjali li lesta toffri bi tpattija għat-trasformazzjoni demokratika tar-Russja f'sistema ta' governanza demokratika kooperattiva u żviluppata, li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-dritt internazzjonali u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kif ukoll għal bidla fundamentali tal-politika barranija u l-imġiba internazzjonali attwali tagħha;

Il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021

(ba) l-UE għandha tappoġġja s-soċjetà ċivili Russa u trawwem kuntatti bejn il-persuni bejn l-UE u ċ-ċittadini Russi, partikolarment billi ċ-ċittadini Russi huma l-akbar riċevituri ta' viżi Schengen fid-dinja, il-biċċa l-kbira minnhom bi dħul multiplu u pluriennali; għalhekk għandha tikkunsidra li tnaqqas it-tariffi tal-viża u l-ostakli għaċ-ċittadini Russi u tmexxi kampanja ta' informazzjoni effettiva biex turi li l-UE tilqa' lill-poplu Russu; l-UE għandha twessa' wkoll il-programmi ta' skambju skolastiku, universitarju, xjentifiku u kulturali tagħha mar-Russja, u tikkunsidra li toffri opportunitajiet ta' traineeships u reklutaġġ dirett għall-ħaddiema Russi, kemm għal dawk b'livell għoli ta' ħiliet kif ukoll għal dawk bi ftit kwalifiki; l-UE għandha toħloq u twessa' alternattivi għal immigranti politikament motivati mir-Russja biex ikunu jistgħu jgħixu fl-UE f'kundizzjonijiet sikuri u legali; barra minn hekk, l-UE għandha żżid b'mod sostanzjali l-assistenza finanzjarja u teknika tagħha għat-trade unions, il-mezzi tax-xandir indipendenti u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll għal miżuri ta' bini tal-kapaċità tas-settur ċiviku fir-Russja; barra minn hekk, l-UE għandha tappoġġja finanzjarjament programmi ta' studji dwar l-umanità fl-universitajiet tal-UE, li jħejju lill-poplu Russu, u partikolarment lill-istudenti, biex jinvolvu ruħhom fit-trasformazzjoni demokratika ta' pajjiżhom;

(bb) l-UE għandha tadotta lista komprensiva tal-istrumenti kollha disponibbli għal impenn mas-soċjetà demokratika fir-Russja, li tista' tinkludi proposti mfassla minn diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Russi;

(bc) l-UE għandha tikkonfronta l-propaganda bil-lingwa Russa u l-kampanji ta' diżinformazzjoni tar-reġim tal-President Putin fl-UE, fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u fir-Russja nfisha billi tappoġġja u ssaħħaħ il-ġurnalisti indipendenti u l-mezzi tax-xandir li joffru alternattiva għad-diżinformazzjoni tal-Kremlin, u tappoġġja t-twaqqif ta' stazzjon televiżiv Russu liberu li jxandar 24 siegħa kuljum; l-UE għandha tkompli tappoġġja l-mezzi tax-xandir indipendenti, il-ġurnalisti u l-bloggers Russi sabiex jissaħħu s-sorsi u l-mezzi alternattivi li mhumiex ikkontrollati mill-Kremlin;

(bd) l-UE għandha tiġġieled kontra l-pressjoni fuq il-mezzi tax-xandir indipendenti, inkluż billi toħloq fond għal midja demokratika fil-livell tal-UE biex tappoġġja l-mezzi tax-xandir indipendenti madwar id-dinja, inkluż fir-Russja; l-UE għandha wkoll tagħmel aktar biex tappoġġja u ssaħħaħ il-ġurnalisti indipendenti u l-mezzi tax-xandir li joffru alternattiva għad-diżinformazzjoni tal-Kremlin, li mingħajrha r-Russja ma tistax tkun demokratika, prospera u ħielsa; f'dan ir-rigward, l-UE għandha tappoġġja l-mezzi tax-xandir indipendenti, bħal Meduza u Radio Free Europe/Radio Liberty, fid-dawl tal-ħekk imsejħa liġijiet dwar l-"aġenti barranin" onerużi u imprattikabbli ppromulgati mill-awtoritajiet Russi biex irażżnu l-libertà tal-espressjoni u l-ġurnaliżmu indipendenti;

(be) id-Delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni UE-Russja għandha tassumi l-kompitu li tidentifika persuni ta' interess li għandhom rwol ewlieni fis-soċjetà Russa u li jkunu lesti joħolqu djalogu kostruttiv u mingħajr interruzzjonijiet u jistabbilixxu skeda għall-kuntatt pubbliku mas-soċjetà ċivili Russa, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet xjentifiċi u kulturali ewlenin, l-NGOs, il-movimenti politiċi u ċ-ċrieki artistiċi u intellettwali;

(bf) l-UE trid tikkunsidra l-fatt li l-approvazzjoni ta' Joseph Stalin fost il-popolazzjoni Russa laħqet l-ogħla livell li qatt kienet fl-era ta' Vladimir Putin, u llum 70 % tas-soċjetà temmen li Stalin kellu rwol pożittiv fl-istorja tar-Russja; l-UE għandha tirrikonoxxi li dan hu kkawżat mill-politika ta' "Stalinizzazzjoni tal-kuxjenza tal-massa" ta' Putin u r-repressjoni tal-istoriċi indipendenti; l-UE għandha tinsisti li l-arkivji Sovjetiċi jinfetħu għall-istudjużi u r-riċerkaturi u li jiġu ppubblikati d-dettalji tal-atti ta' ġenoċidju tal-Istalinisti kontra r-Russi u nazzjonijiet oħra tal-Unjoni Sovjetika u l-istati satelliti tagħha, inklużi l-fajls relatati mal-operazzjoni militari kriminali magħrufa bħala Augustów Roundup;

(bg) in-NU ddikjarat l-aċċess għall-internet bħala dritt tal-bniedem u, f'dan ir-rigward, l-UE għandha tikkundanna t-tentattivi tal-Kremlin li jimblokka, jikkontrolla, jiċċensura u saħansitra jiżola lill-poplu Russu mill-aċċess għall-internet; l-UE għandha tistieden lill-kumpaniji globali tal-IT jżommu f'moħħhom dawn l-isforzi antidemokratiċi meta jkunu qed jikkunsidraw operazzjonijiet fis-suq Russu;

(bh) fl-aħħar nett, l-UE għandha tistabbilixxi qafas legali vinkolanti li jippermettilha tirreaġixxi b'mod qawwi għal kampanji mmirati biex jimminaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt, inkluż permezz ta' azzjoni mmirata kontra dawk responsabbli minn kampanji bħal dawn; l-UE għandha tiżviluppa wkoll strateġiji effettivi fil-qasam tal-politika diġitali sabiex tuża standards teknoloġiċi u l-internet miftuħ biex tappoġġja spazji ħielsa u tirrestrinġi teknoloġiji oppressivi; għaldaqstant, l-UE għandha tappoġġja teknoloġiji b'sors miftuħ, servizzi għal komunikazzjoni sigura, pjattaformi deċentralizzati u pjattaformi ġodda li jkollhom limiti baxxi, joffru protezzjoni tal-privatezza u jkunu attraenti għall-popolazzjoni Russa, filwaqt li tespandi l-istandards teknoloġiċi globali relatati mal-privatezza, toħloq standards etiċi u legali li jkollhom effett ta' sinjalazzjoni għall-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, taħdem

favur projbizzjoni internazzjonali fuq teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa u sistemi ta' punteġġ soċjali invażivi, u tinsisti fuq il-projbizzjoni ta' sistemi ta' armi awtonomi;

Impenn favur il-poplu Russu u d-demokrazija – is-suċċess tas-Sħubija tal-Lvant bħala ispirazzjoni għall-poplu tar-Russja

(bi) l-UE għandha tkompli ssaħħaħ is-Sħubija tal-Lvant bil-għan li tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet ta' viċinat tajbin; b'mod partikolari, fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa l-UE tista' tipproponi strateġija ta' kooperazzjoni msaħħa bi tħejjija għall-momentum il-ġdid tal-integrazzjoni Ewropea tal-Viċinat tal-Lvant tal-UE u b'appoġġ għas-suċċess fl-iżvilupp tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant orjentati lejn l-UE, li jkun ta' eżempju tajjeb u jinċentiva lill-poplu Russu jappoġġja d-demokrazija; għaldaqstant, l-UE għandha żżomm perspettiva realistika fil-konfront tas-sħubija tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-UE, u b'hekk tippreserva l-motivazzjoni tagħhom biex iwettqu aktar riformi;

(bj) l-UE għandha tkompli tappoġġja l-issodisfar tal-kriterji politiċi, demokratiċi, soċjali u legali tal-UE – li fuqhom huma bbażati t-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – min-naħa tal-Ukrajna, il-Georgia, il-Moldova, l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Belarussja;

(bk) fl-aħħar nett, l-UE għandha tinsisti għal strateġija aktar ambizzjuża għall-integrazzjoni tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li għandhom ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE; b'dan il-mod, l-UE timmotiva lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant assoċjati mal-UE biex iwettqu r-riformi Ewropej, inkluż billi toffrilhom mudell ibbażat fuq il-mudell "kollox ħlief l-istituzzjonijiet", filwaqt li tagħtihom il-benefiċċji kollha tal-integrazzjoni tal-UE, bħall-aċċess għall-politiki komuni, ir-riżorsi finanzjarji u l-ġuriżdizzjoni tal-UE, filwaqt li żżomm il-bieb miftuħ għal sħubija fl-UE fil-futur;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-G7, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa kif ukoll lill-President, il-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa.